31998R2843

L 354/22 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.12.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2843/98

tat-22 ta' Diċembru 1998

dwar il-forma, il-kontenut u dettalji oħra ta' applikazzjonijiet u notifiki previsti fir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87 li japplikaw ir-regoli dwar il-kompetizzjoni għas-settur tat-trasport

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 tad-19 ta' Lulju 1968 li japplika regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni ([1]), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu ([2]), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 ta' l-14 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru ([3]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2410/92 ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattiċi ristrettivi u l-monopolji fl-industrija tat-trasport, il-Kumitat Konsultattiv dwar akkordji u pożizzjonijiet dominanti fit-trasport marittimu, u l-Kumitat Konsultattiv dwar akkordji u pożizzjonijiet dominanti fit-trasport bl-ajru,

(1) Billi l-esperjenza fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1629/69 tat-8 ta' Awwissu 1969 fuq il-forma, il-kontenut u dettalji oħra ta' lmenti skond l-Artikolu 10, applikazzjonijiet skond l-Artikolu 12 u notifiki skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 tad-19 ta' Lulju 1968 ([5]), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u ta' Sezzjoni I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4260/88 tas-16 ta' Diċembru 1988 dwar il-komunikazzjoni, ilmenti u applikazzjonijiet u s-smiegħ li hemm għalihom ipprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu ([6]), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja kif ukoll is-Sezzjoni I tar-Regolament tal-Kummisjoni (KEE) Nru 4261/88 tas-16 ta' Diċembru 1988 dwar l-ilmenti, applikazzjonijiet u s-smiegħ li għalihom hemm ipprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 li jipprovdi l-proċedura għall-applikazzjoni ta' regoli dwar kompetizzjoni għal intrapriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru ([7]), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, uriet il-ħtieġa li jiġu mtejba ċerti aspetti ta' proċedura ta' dawn ir-Regolamenti;

(2) Billi huwa xieraq, sabiex l-affarijiet ikunu ċari, li jiġi adottat Regolament wieħed dwar il-proċeduri għall-applikazzjonijiet u n-notifiki fis-settur tat-trasport; billi, bix-xieraq, ir-Regolament (KEE) Nru 1629/69 u Regolamenti (KEE) Nru 4260/88 u (KEE) Nru 4261/88 għandhom jiġi mibdula;

(3) Billi s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68 u n-notifiki taħt l-Artikolu 14(1) ta' dak ir-Regolament, u l-applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikoli 3(2) u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87, jista' jkollhom konsegwenzi legali importanti għal kull intrapriża li hija parti għal akkordju, deċiżjoni jew prattika; billi kull parti għandha għalhekk ikollha d-dritt li tissottometti applikazzjonijiet jew notifiki bħal dawn lill-Kummissjoni; billi, barra minn hekk, parti li teżerċita d-dritt għandha tinforma lill-partijiet l-oħra sabiex tippermetti li dawn jipproteġu l-interessi tagħhom;

(4) Billi hija f'idejn l-applikanti u f'idejn il-partijiet li jinnotifikaw sabiex jiżvelaw b'mod komplut u onest lill-Kum-

([1]) ĠU L 175, 23.7.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 378, 31.12.1986, p. 4.
([3]) ĠU L 374, 31.12.1987, p. 1.
([4]) ĠU L 240, 24.8.1992, p. 18.
([5]) ĠU L 209, 21.8.1969, p. 1.
([6]) ĠU L 376, 31.12.1988, p. 1.
([7]) ĠU L 376, 31.12.1988, p. 10.

missjoni l-fatti u ċ-ċirkostanzi li huma relevanti sabiex tittieħed deċiżjoni fuq l-akkordji, d-deċiżjonijiet u l-prattiċi konċernati;

(5) Billi, sabiex l-eżaminazzjoni tagħhom tiġi ssimplifikata u mgħaġġla, huwa mixtieq illi tiġi preskritta formola sabiex tintuża għall-applikazzjonijiet għal approvazzjoni negattiva li għandu x'jaqsam ma' l-Artikolu 85(1) u għall-applikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68 u ma' l-Artikolu 85(3); billi l-użu ta' din il-formola għandu jkun possibli wkoll fil-każ ta' applikazzjonijiet għal approvazzjoni negattiva rigward l-Artikolu 86;

(6) Billi, sabiex ikun iffaċilitat l-ipproċessar tagħhom, huwa xieraq li tiġi introdotta formola waħda għall-applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u taħt l-Artikoli 3(2) u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87; billi, fil-każ ta' notifiki taħt l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, huwa xieraq li tiġi pprovduta formola separata;

(7) Billi l-Kummissjoni, f'każijiet xierqa, għandha tkompli tagħti lill-partijiet, jekk dawn hekk jitolbu, opportunità qabel l-applikazzjoni jew in-notifika sabiex jiddiskutu l-akkordji, id-deċiżjoni jew il-prattika maħsuba, b'mod informali u f'kunfidenza stretta; billi, ukoll, għandha, wara l-applikazzjoni jew in-notifika, tkompli żżomm kuntatt mill-qrib mal-partijiet sakemm ikun hemm bżonn sabiex tiddiskuti magħhom xi problemi prattiċi jew legali li hija tiskopri fuq l-ewwel eżaminazzjoni tal-każ u jekk ikun possibbli li tneħħi dawn il-problemi bi ftehim bejn il-partijiet kollha;

(8) Billi l-obbligu tal-komunikazzjoni lill-Kummissjoni, skond punt 5 ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86, ta' għotjiet f'arbitraġġ u rakkomandazzjonijiet minn konċiljaturi jirrigwarda r-riżoluzzjoni ta' disgwit dwar il-prattiċi ta' konferenzi msemmija fl-Artikolu 4 u f'punti 2 u 3 ta' l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament; billi jidher xieraq li l-proċedura għal din in-notifika għandha ssir kemm jista' jkun sempliċi; billi huwa għalhekk xieraq, li jkun hemm ipprovdut għal notifiki sabiex isiru bil-miktub, u li jiġu mehmuża magħhom id-dokumenti li jkun fihom it-test ta' l-għotjiet u r-rakkomandazzjonijiet konċernati;

(9) Billi d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikopru wkoll każijiet li fihom ilmenti, applikazzjonijiet u notifiki jkunu magħmula taħt l-Artikolu 53 u 54 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Persuni intitolati

1. Kull intrapriża u kull assoċjazzjoni ta' intrapriżi li tkun parti għall-akkordju jew għall-prattiċi miftiehma, jew kull assoċjazzjoni ta' intrapriżi li jadottaw deċiżjonijiet, għandhom jitħallew jissottomettu applikazzjonijiet u notifiki lill-Kummissjoni taħt id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Artikolu 2 jew l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68;

(b) l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86;

(ċ) l-Artikolu 3(2) u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87.

2. Fejn l-applikazzjoni jew in-notifika tiġi sottomessa minn uħud iżda mhux mill-partijiet kollha li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, dawn għandhom jinnotifikaw lill-partijiet l-oħra.

3. Fejn l-applikazzjoni jew in-notifika tkun iffirmata minn rappreżentanti ta' persuni, intrapriżi jew assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi, dawn ir-rappreżentanti għandhom jipproduċu prova bil-miktub li huwa awtorizzati sabiex jaġixxu.

4. Fejn issir applikazzjoni jew notifika minn aktar minn parti waħda flimkien, għandu jinħatar rappreżentant tal-partijiet li jkun awtorizzat jibgħat u jirċievi dokumenti f'isem il-partijiet kollha jew il-partijiet li jagħmlu n-notifika.

Artikolu 2

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet u notifiki

1. Applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87 dwar l-Artikolu 85(1) tat-Trattat u applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87 għandhom jiġu ssottomessi bil-mod preskritt permezz tal-Formola TR kif muri fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Il-Formola TR tista' tintuża wkoll għall-applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87 dwar l-Artikolu 86 tat-Trattat.

Notifiki taħt l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68 għandhom jiġu ssottomessi fuq il-Formola TR(B) murija fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

2. Applikazzjonijiet konġunti u notifiki konġunti għandhom jiġu ssottomessi fuq formola waħda.

3. Kopja oriġinali waħda u 17-il kopja ta' kull applikazzjoni u notifika, u tliet kopji tad-dokumenti ta' appoġġ, għandhom jiġu ssottomessi lill-Kummissjoni fl-indirizz indikat fuq il-formoli.

4. Id-dokumenti ta' appoġġ għandhom ikunu jew oriġinali jew kopji ta' l-oriġinali; f'dan l-aħħar każ l-applikant jew il-parti li tkun qiegħda tagħmel in-notifika għandha tiċċertifika li huma kopji vera u sħaħ ta' l-oriġinali.

5. Applikazzjonijiet u notifiki għandhom isiru f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni. Din il-lingwa għandha tkun ukoll il-lingwa tal-proċeduri għall-parti li tapplika jew tinnotifika. Id-dokumenti għandhom jiġu ssottomessi fil-lingwa oriġinali tagħhom. Fejn l-oriġinal mhuwiex waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni, għandha tiġi mehmuża t-traduzzjoni fil-lingwa tal-proċediment.

6. Fejn applikazzjoni li timplika li qed tiġi ssottomessa taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 jew l-Artikoli 3(2) u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87 tinsab li taqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jew Regolamenti li taħthom tkun iddaħħlet, il-Kummissjoni, għandha mingħajr dewmien tinforma lill-applikant li hija qiegħda taħseb sabiex teżamina l-applikazzjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tar-Regolamenti l-oħra kif inhu jew inhuma applikabbli skond il-każ; madankollu, id-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għandha tittieħed bħala d-data li tirriżulta mill-Artikolu 4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikant bir-raġunijiet u għandha tistabbilixxi perjodu sabiex l-applikant jagħti xi kummenti bil-miktub qabel ma hija tagħmel stima tagħha skond dak ir-Regolament jew skond ir-Regolamenti l-oħra. Il-perjodu stabbilit mill-Kummissjoni ma għandux ikun anqas minn ġimgħatejn; jista' jiġi estiż.

Artikolu 3

Il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet u tan-notifiki

1. Applikazzjonijiet u notifiki għandu jkun fihom l-informazzjoni, inklużi d-dokumenti, meħtieġa mill-formoli. L-informazzjoni għandha tkun korretta u sħiħa.

2. Il-Kummissjoni tista' teżenta mill-obbligu li tiġi pprovduta xi informazzjoni partikolari, inklużi dokumenti, meħtieġa mill-formoli fejn il-Kummissjoni tikkonsidra li din l-informazzjoni ma tkunx neċessarja għall-eżaminazzjoni tal-każ.

3. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħarraf bil-miktub lill-applikant jew lill-parti tan-notifika bl-irċevuta ta' l-applikazzjoni jew notifika, u bi kwalunkwe risposta għal ittra mibgħuta mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4(2).

Artikolu 4

Data effettiva tas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet u notifiki

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2 sa 5, applikazzjonijiet u notifiki għandhom isiru effettivi fid-data li fihom jiġu rċevuti mill-Kummissjoni. Fejn, madankollu, l-applikazzjoni jew in-notifika tiġi mibgħuta bil-posta irreġistrata, dawn għandhom isiru effettivi fid-data murija fuq il-marka tal-posta tal-post fejn tkun ġiet ippustjata.

2. Fejn il-Kummissjoni issib illi l-informazzjoni, inkluż dokumenti, li jkunu jinsabu fl-applikazzjoni jew fin-notifika mhumiex sħaħ f'xi rispett materjali, għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-applikant jew lill-parti li tkun għamlet in-notifika bil-miktub b'dan il-fatt u għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien xieraq sabiex tiġi ppreżentata l-informazzjoni kollha. F'każijiet bħal dawn, l-applikazzjoni u n-notifika għandhom isiru effettivi mid-data li fiha l-informazzjoni sħiħa tkun waslet għand il-Kummissjoni.

3. Tibdil materjali fil-fatti li jkunu jinsabu fl-applikazzjoni jew in-notifika li l-applikant jew il-parti li tinnotifika jkunu jafu bih jew li għandhom ikunu jafu bih għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni b'mod volontarju u bla dewmien.

4. Informazzjoni mhux korretta jew informazzjoni qarrieqa għandha titqies bħala informazzjoni mhux sħiħa.

5. Fejn, f'għeluq xahar mid-data li fiha l-applikazzjoni jew n-notifika jkunu ġew rċevuti, il-Kummissjoni ma tkunx għadha pprovdiet lill-applikant jew lill-parti li tinnotifika bl-informazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 2, l-applikazzjoni jew in-notifika għandhom jitqiesu li saru effettivi mid-data ta' riċeviment mill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Notifiki ta' għotjiet mogħtija f'arbitraġġ u rakkomandazzjonijiet

1. Għotjiet f'arbitraġġ u rakkomandazzjonijiet minn kunċiljaturi aċċettati mill-partijiet għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni meta dawn jikkonċernaw qtugħ ta' kwistjonijiet dwar il-prattiċi ta' konferenzi li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 4 u punti 2 u 3 ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86.

2. L-obbligu tan-notifika japplika għal kull parti tal-kwistjonijiet solvuti bl-għotja jew bir-rakkomandazzjoni.

3. In-notifiki għandhom jiġu ssottomessi immedjatament b'ittra rreġistrata bi stqarrija ta' riċevuta jew għandhom jiġu mwassla bl-idejn kontra riċevuta. Għandhom jiġu miktubin f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni.

4. Dokumenti ta' appoġġ għandhom ikunu jew oriġinali jew kopji. Kopji għandhom ikunu ċertifikati bħala kopji vera ta' l-oriġinal. Għandhom jiġu ssottomessi fil-lingwa oriġinali tagħhom. Fejn il-lingwa oriġinali ma tkunx waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni, it-traduzzjoni f'waħda mil-lingwi uffiċjali għandha tiġi mehmuża.

5. Meta rappreżentanti ta' intrapriżi, ta' assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi, jew ta' persuni naturali jew legali jiffirmaw dawn in-notifiki, għandhom jipproduċu prova bil-miktub li huma awtorizzati sabiex jaġixxu.

Artikolu 6

Applikazzjonijiet u notifiki taħt l-Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim taż-ŻEE

Fejn applikazzjonijiet u notifiki kif għalihom hemm ipprovdut fl-Artikolu 2(1)u 5(1) huma magħmulin taħt l-Artikoli 53 jew 54 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, dawn jistgħu jsiru f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istati ta' l-EFTA.

Artikolu 7

Revoka

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1629/69, (KEE) Nru 4260/88 u (KEE) Nru 4261/88 huma revokati.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kummissjoni
Karel VAN MIERT
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

IL-FORMOLA TR

INTRODUZZJONI

Il-Formola TR, bħala l-Anness tiegħu, hija parti integrali tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2843/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-forma, kontenut u dettalji oħra ta' applikazzjonijiet u notifiki li għalihom hemm ipprovdut fir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87 li japplikaw ir-regoli dwar il-kompetizzjoni għas-settur tat-trasport (minn hawn 'il quddiem issir riferenza għalihom bħala "ir-Regolament") Din tippermetti lill-intrapriżi u assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi li jagħmlu applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u taħt l-Artikolu 3(2) u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87.

Formola TR m'hix formola sabiex timtela.

Sabiex ikun iffaċilitat l-użu tal-Formola TR il-paġni li ġejjien jipprovdu:

— f'liema sitwazzjonijiet huwa neċessarju li issir applikazzjoni (punt A);

— lil liema awtorità (il-Kummissjoni jew l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA) l-applikazzjoni għandha issir (punt B);

— għal liema raġunijiet tista' tintuża l-applikazzjoni (punt Ċ);

— x'informazzjoni għandha tingħata fl-applikazzjoni (punti D, E, u F);

— minn jista' jagħmel applikazzjoni (punt G);

— kif tagħmel applikazzjoni (punt H);

— kif is-sigrieti tan-negozju ta' l-intrapriżi jistgħu jiġu protetti (punt I);

— il-proċedura sussegwenti wara li tkun saret l-applikazzjoni (punt J); u

— kif ċerti termini tekniċi użati fil-parti ta' użu tal-Formola TR għandhom ikunu interpretati (punt K).

A. **F'liema sitwazzjonijiet jkun hemm bżonn li ssir applikazzjoni?**

I. *Raġuni tal-kompetizzjoni fit-Trattat tal-KE u l-Ftehim Taż-ŻEE*

1. Raġuni għar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE

Ir-raġuni għar-regoli tal-kompetizzjoni hija sabiex tkun evitata id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq komuni permezz ta' prattiċi restrittivi jew l-abbuż ta' pożizzjonijiet dominanti. Dawn japplikaw għal kull intrapriża li tagħmel il-kummerċ direttament jew indirettament fis-suq komuni, tkun fejn tkun stabbilita.

L-Artikolu 85(1) tat-Trattat tal-KE (it-test ta' l-Artikoli 85 u 86 huwa riprodott fl-Appendiċi I għal din il-formola) jipprojbixxi akkordji restrittivi, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma (arranġamenti) li jistgħu jaffettwaw n-negozju bejn Stati Membri, u l-Artikolu 85(2) jiddikjara akkordji u deċiżjonijiet li jkun fihom dawn ir-restrizzjonijiet bħala nulli (għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li jekk termini restrittivi ta' akkordji jistgħu jitħassru, dawk it-termini biss huma nulli); l-Artikolu 85(3), madankollu, jipprovdi għall-arranġamenti ta' eżenzjoni b'effetti benefiċi, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet tiegħu. L-Artikolu 86 jipprojbixxi l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti li tista' taffettwa n-negozju bejn Stati Membri.

Il-proċeduri oriġinali għall-implementazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86, li jipprovdu għal "nuqqas ta" mogħdija' u eżenzjoni skond l-Artikolu 85(3), ġew stabbiliti fir-Regolament Nru 17. Madankollu, ir-Regolament tal-Kunsilll Nru 14 ([1]) għamel ir-Regolament Nru 17 mhux applikabbli fis-settur tat-trasport. Il-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni tal-KE fis-settur tat-trasport ġew sussegwentement stabbiliti għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni fir-Regolament (KEE) Nru 1017/68, għat-trasport marittimu bir-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u għas-settur tat-trasport bl-ajru bir-Regolament (KEE) Nru 3975/87 (ir-referenzi għal dawn u atti oħra msemmija f'din il-formola jew relevanti għall-applikazzjonijiet magħmula fuq din il-formola huma elenkati fl-Appendiċi II għal din il-formola).

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 141/62 tas-26 ta' Novembru 1962 li jeżenta t-trasport mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, (ĠU C 124, 28.11.1962, p. 2753); ir-Regolamnet kif emendat l-aħħar bir-Regolament Nru 1002/67/KEE, (ĠU C 306, 16.12.1967, p. 1).

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87, bħar-Regolament Nru 17, jagħmlu referenza għall-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat tal-KE. B'kuntrast, ir-Regolament (KEE) Nru 1017/68 jippromulga regoli sostantivi ta' kompetizzjoni għas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni. L-Artikoli 2, 5, 7 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68 li fihom jinsabu ċerti disposizzjonijiet li, b'tibdil żgħir, jirriflettu dawk rispettivament ta' l-Artikolu 85(1), (2) u (3) u 86 tat-Trattat tal-KE. Dawk id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68 għandhom jiġu interpretati fl-istess mod ta' l-Artikolu 85 u 86 tat-Trattat ([1]).

2. Għan għar-regoli ta' kompetizzjoni taż-ŻEE

Ir-regoli ta' kompetizzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (konklużi bejn il-Komunità, l-Istati Membri u l-Istati ta' l-EFTA ([2]) huma bbażati fuq l-istess prinċipji ta' dawk li jinsabu fir-regoli ta' kompetizzjoni tal-Komunità u għandhom l-istess għan, i.e. sabiex jipprevjenu t-tħarbit tal-kompetizzjoni fiż-ŻEE permezz ta' gruppi ta' interess jew abbuż ta' pożizzjonijiet dominanti. Dawn japplikaw għal kull intrapriża li tagħmel il-kummerċ direttament jew indirettament fiż-ŻEE, tkun fejn tkun stabbilita.

L-Artikolu 53(1) tal-Ftehim taż-ŻEE (it-test ta' l-Artikoli 53, 54 u 56 tal-Ftehim taż-ŻEE huwa riprodott fl-Appendiċi I) jipprojbixxi arranġamenti restrittivi, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma (arranġamenti) li jistgħu jaffettwaw n-negozju bejn Stati Membri u Stat wieħed jew aktar ta' l-EFTA (jew bejn l-Istati ta' l-EFTA), u l-Artikolu 53(2) jiddikjara akkordji jew deċiżjonijiet li jkun fihom dawn ir-restrizzjonijiet bħala nulli; l-Artikolu 53(3), madankollu, jipprovdi għal eżenzjoni ta' arranġamenti b'effetti benefiċi, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet tiegħu. L-Artikolu 54 jipprojbixxi l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti li tista' taffettwa n-negozju bejn il-Komunità u Stat wieħed jew aktar ta' l-EFTA (jew bejn Stati ta' l-EFTA). Il-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni taż-ŻEE fis-settur tat-trasport huma stabbiliti għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni fir-Regolament (KEE) Nru 1017/68, għat-trasport marittimu bir-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u għas-settur tat-trasport bl-ajru bir-Regolament (KEE) Nru 3975/87, issupplimentati għall-għanijiet taż-ŻEE, bi Protokolli 21,22, u 23 tal-Ftehim taż-ŻEE.

II. *L-iskop tar-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat tal-KE u l-Ftehim taż-ŻEE*

L-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2, 5 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat tal-KE u l-Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim taż-ŻEE tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali. Hija tassumi li l-arranġament jew l-imġieba tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fid-disposizzjonijiet relevanti. Għaldaqstant dan il-punt għandu jiġi eżaminat qabel issir xi applikazzjoni.

1. Approvazzjoni negattiva

Fis-settur tat-trasport, il-proċedura ta' approvazzjoni negattiva ġiet pprovduta biss fis-settur tat-trasport bl-ajru. L-għan tagħha huwa li intrapriżi jitħallew jiddeċiedu jekk il-Kummissjoni tikkunsidrax illi l-akkordji jew l-imġieba tagħhom humiex projbiti bl-Artikolu 85(1), jew bl-Artikolu 86 tat-Trattat tal-KEjew bl-Artikolu 53(1) jew bl-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE. Din il-proċedura hija rregolata bl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87. L-approvazzjoni negattiva tieħu l-forma ta' deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni tiċċertifika illi, fuq bażi tal-fatti fil-pussess tagħha, ma jkunx hemm raġunijiet bi qbil ma' l-Artikolu 85(1) jew l-Artikolu 86 tat-Trattat tal-KE jew taħt l-Artikolu 53(1) jew l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE għal azzjoni min-naħa tagħha rigward l-arranġament jew l-imġieba.

M'hemm, madanakollu, l-ebda punt għaliex għandha ssir applikazzjoni meta l-arranġamenti jew l-imġieba huma manifestament mhux projbiti bid-disposizzjonijiet imsemmija hawn fuq. Lanqas ma hija l-Kummissjoni obbligata li tagħti nuqqas ta' mogħdija. L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87 jipprovdi li "… il-Kummissjoni tista' tiċċertifika …". Il-Kummissjoni toħroġ deċiżjonijiet ta' approvazzjoni negattiva biss fejn ikun hemm problema importanti ta' interpretazzjoni x'tiġi solvuta. Fil-każijiet l-oħra hija tirreaġixxi għall-applikazzjoni billi tibgħat ittra ta' konfort.

Il-Kummissjoni ppubblikat diversi notifiki rigward l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 85(1) tat-Trattat tal-KE. Dawn jiddefinixxu ċerti kategoriji ta' akkordji li, bin-natura tagħhom jew minħabba l-importanza minuri tagħhom, mhumiex maqbuda mill-projbizzjoni ([3]).

2. Eżenzjoni

Il-proċedura għall-eżenzjoni skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 85(3) tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim taż-ŻEE tippermetti lil kumpaniji sabiex jidħlu f'arranġamenti li, fil-fatt, jof-

([1]) Ara Każ T-224/94 Deutsche Bahn v. Il-Kummissjoni (1997) ECR II-1689, fil-paragrafu 77. Il-Qorti ta' Prima Istanza sostniet illi l-Artikolu 8 tar-Regolament ma għandux għan illi huwa sostanzjalment differenti minn dak ta' l-Artikolu 86 tat-Trattat.

([2]) Ara l-lista ta' l-Istati Membri u ta' l-Istati ta' l-EFTA f'Appendiċi III.

([3]) Ara Appendiċi II.

fru vantaġġi ekonomiċi iżda li, mingħajr eżenzjoni jkunu pprojbiti bl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 85(1) tat-Trattat tal-KE jew bl-Artikolu 53(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. Din il-proċedura hija rregolata mill-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87. L-eżenzjoni tieħu l-forma ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni li tiddikjara li l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 85(1) tat-Trattat tal-KE jew l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim taż-ŻEE mhumiex applikabbli għall-arranġamenti deskritti fid-deċiżjoni. Il-Kumnmissjoni hija mitluba tispeċifika l-perjodu ta' validità ta' kull deċiżjoni bħal din, tista' twaħħal ukoll kondizzjonijiet u obbligi u tista' temenda jew thassar deċiżjonijiet jew tipprojbixxi atti speċifiċi mill-partijiet f'ċerti ċirkostanzi, b'mod partikolari jekk id-deċiżjonijiet kienu bbażati fuq informazzjoni mhux korretta jew jekk hemm kwalunkwe tibdil materjali fil-fatti.

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87 jipprovdu għal proċeduri ta' oġġezzjoni li taħthom l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu trattati b'mod mgħaġġel. Jekk applikazzjoni tkun ammissibbli skond ir-Regolament relevanti, jekk tkun sħiħa u jekk l-akkordju li jkun is-soġġett ta' l-applikazzjoni ma jkunx ta lok għal proċedura bħala riżultat ta' lment jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess, il-Kummissjoni tippubblika t-talba fil-qosor fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u tistieden kummenti minn terzi persuni interessati, minn Stati Membri u minn Stati ta' l-EFTA fejn it-talbiet ikollhom x'jaqsmu mal-Ftehim taż-ŻEE. Sakemm il-Kummissjoni ma tinnotifikax lill-applikanti fi żmien 90 ġurnata mid-data ta' din il-pubblikazzjoni illi hemm dubji serji dwar l-applikabbiltà ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 85(3) tat-Trattat tal-KE jew l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim taż-ŻEE, l-arranġament ikun meqjus eżenti għaż-żmien li jkun diġà għadda u għal massimu ta' tliet snin mid-data tal-pubblikazzjoni, fil-każ ta' applikazzjonijiet taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1017/68, u għall-massimu ta' sitt snin mid-data tal-pubblikazzjoni fil-każ ta' applikazzjonijiet taħt ir-Regolamenti (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87.

Il-Kummissjoni adottat numru ta' regolamenti li jagħtu eżenzjoni lill-kategoriji ta' arranġamenti fis-settur tat-trasport bl-ajru u fis-settur marittimu ([1]).

Deċiżjoni li tagħti eżenzjoni taħt ir-Regolamenti (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 4056/86 jew (KEE) Nru 3975/87 jista' jkollha effett bil-kontra. Jekk il-Kummissjoni ssib illi arranġamenti nnotifikati huma fil-fatt pprojbiti u ma jistgħux jiġu eżentati u, għalhekk, tieħu deċiżjoni li tikkundannahom, il-parteċipanti huma xorta waħda protetti, bejn id-data ta' l-applikazzjoni tad-data tad-deċiżjoni, kontra multi għall-ksur deskritt fl-applikazzjoni (l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 12(5) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87). Ir-Regolament (KEE) Nru 1017/68 ma jipprovdix għal immunità bħal din minn multi.

B. **Lil-liema awtorità għandha ssir applikazzjoni?**

L-applikazzjonijiet għandhom isiru lill-awtorità li għandha kompetenza għal materja. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat tal-KE. Madankollu hemm kompetenza maqsuma rigward l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE.

Il-kompetenza tal-Kummissjoni u ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għall-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni taż-ŻEE issegwi mill-Artikolu 56 tal-Ftehim taż-ŻEE. Applikazzjonijiet rigward akkordji, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma li jistgħu jaffettwaw in-negozju bejn l-Istati Membri għandhom ikunu indirizzati lill-Kummissjoni sakemm l-effetti tagħhom fuq in-negozju bejn l-Istati Membri jew fuq il-kompetizzjoni fil-Komunità ma jkunux kbar fit-tifsira tan-notifika tal-Kummissjoni ta' l-1997 dwar akkordji ta' importanza minuri ([2]). Barra minn hekk, l-akkordji restrittivi kollha, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma li jaffettwaw in-negozju bejn Stat Membru u wieħed jew aktar mill-Istati ta' l-EFTA jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni, sakemm l-intrapriżi kkonċernati jiksbu aktar minn 67 % tad-dħul totali min-negozju madwar iż-ŻEE fil-Komunità ([3]). Madankollu, jekk l-effetti ta' dawn l-akkordji, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma fuq negozju bejn Stati Membri jew fuq kompetizzjoni madwar il-Komunità ma jkunux kbar, l-applikazzjoni għandha, fejn ikun hemm bżonn, tkun indirizzata lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA. L-akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma l-oħra li jaqgħu taħt l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE għandhom jiġu nnotifikati lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA (l-indirizz tagħha jidher fl-Appendiċi III).

Applikazzjonijiet għal nuqqas ta' mogħdija rigward l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE għandhom jiġu mibgħuta lill-Kummissjoni jekk il-pożizzjoni dominanti tkun teżisti biss fil-Komunità, jew lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA, jekk il-pożizzjoni dominanti tkun teżisti biss fit-teritorju kollu ta' l-Istati ta' l-EFTA, jew f'parti sostanzjali minnu. Fejn il-pożizzjoni dominanti tkun teżisti biss fiż-żewġ territorji għandhom japplikaw ir-regoli msemmija hawn fuq fir-rigward ta' l-Artikolu 53.

([1]) Ara Appendiċi II.
([2]) ĠU C 372, 9.12.1997, p. 13.
([3]) Għal definizzjoni ta' "dħul" f'dan il-kuntest, ara l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Protokoll 22 għall-Ftehim taż-ŻEE riprodott f'Appendiċi I.

Il-Kummissjoni għandha tapplika, bħala bażi ta' l-istima, ir-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat tal-KE. Fejn il-każ jaqa' taħt il-ftehim taż-ŻEE u jkun attribwit lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 56 tal-Ftehim, hija għandha simultanjament tapplika r-regoli taż-ŻEE.

Ċ. **L-għan ta' din il-formola**

Il-formola TR tipprovdi lista ta' domandi li għandhom jiġu mwieġba u l-informazzjoni u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti meta tkun qiegħda ssir l-applikazzjoni għal dan li ġej:

— nuqqas ta' mogħdija rigward l-Artikolu 85(1) tat-Trattat tal-KE u/jew l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87, rigward l-akkordji bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi u prattiċi miftehma,

— eżenzjoni skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68 jew l-Artikolu 85(3) tat-Trattat tal-KE u/jew l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim taż-ŻEE, rigward il-ftehim bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi u prattiċi miftiehma,

Applikazzjonijiet għal eżenzjoni skond ir-Regolamenti (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87 għandhom ikunu ssottomessi bil-mod preskritt bil-formola TR (ara l-Artikolu 2(1) tar-Regolament).

Din il-formola tista' tintuża wkoll minn intrapriżi li jixtiequ japplikaw għal nuqqas ta' mogħdija minn l-Artikolu 86 tat-Trattat tal-KE jew l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE, skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87. Applikanti li jkunu qegħdin jitolbu nuqqas ta' mogħdija minn l-Artikolu 86 mhumiex mitluba jużaw il-formola TR. Iżda huma xorta waħda mħeġġin li jipprovdu l-informazzjoni kollha mitluba hawn taħt sabiex jiżguraw li l-applikazzjoni tagħhom tagħti dikjarazzjoni sħiħa tal-fatti (ara l-Artikolu 2(1)(a), t-tieni sentenza tar-Regolament).

L-applikazzjonijiet u n-notifiki magħmulin fuq il-formola TR maħruġa min-naħa ta' l-EFTA huma ugwalment validi. Madankollu, jekk l-akkordji, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma jaqgħu biss taħt l-Artikolu 85 jew 86 tat-Trattat tal-KE, i.e. ma għandhom l-ebda relevanza għall-FEE, huwa rrakkomandat illi tiġi użata l-formola preżenti stabbilita mill-Kummissjoni.

D. **Liema kapitoli tal-formola għandhom jiġu mimlija?**

Intrapriżi li jixtiequ japplikaw għandhom jagħmlu applikazzjoni billi jimlew it-tliet kapitoli tal-parti operazzjonali tal-formola. Notifiki taħt ir-Regolament Nru 17 ta' ftehim li jikkonċernaw il-ħolqien ta' intrapriża flimkien kooperattiva ta' karattru strutturali jistgħu jibbenefikaw minn proċedura aċċellerata. Il-proċedura aċċellerata mhix applikata għall-applikazzjonijiet taħt ir-Regolamenti (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87 għaliex dawk ir-regolamenti jipprovdu għal proċedura ta' oġġezzjoni li fiha stipulat skeda speċifika.

E. **Il-bżonn ta' informazzjoni sħiħa**

L-irċevuta mill-Kummissjoni ta' applikazzjoni valida għandha żewġ konsegwenzi maġġuri. L-ewwel, taħt ir-Regolamenti (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87, hija tagħti immunità minn multi mid-data li fiha applikazzjoni valida tiġi rċevuta mill-Kummissjoni rigward applikazzjonijiet magħmula sabiex tinkiseb eżenzjoni (ara l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (KEE) Nru No 4056/86 u l-Artikolu 12(5) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87).

It-tieni, sakemm applikazzjoni valida tiġi rċevuta, il-Kummissjoni mhix "f'pussess tax-xhieda kollha disponibbli" li hija neċessarja qabel ma' tista tippubblika taqsira ta' l-applikazzjoni taħt il-proċedura ta' oppożizzjoni fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87.

Applikazzjoni valida għal dan il-għan tfisser waħda li m'hix mhux sħiħa (ara l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament). Din hija soġġetta għal żewġ kwalifiki. L-ewwel, jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti meħtieġa minn din il-formola mhumiex b'mod raġonevoli disponibbli lilek f'parti jew fl-intier, il-Kummissjoni taċċetta li applikazzjoni hija sħiħa u b'hekk valida minkejja n-nuqqas li tkun ipprovduta dik l-informazzjoni, sakemm inti tagħti raġunijiet għala l-informazzjoni mhix disponibbli, u tipprovdi l-aħjar stimi tiegħek għat-data nieqsa flimkien mas-sorsi ta' l-istimi. Indikazzjonijiet minn fejn xi informazzjoni jew dokumenti mitluba li mhumiex disponnibli lilek jistgħu jinġiebu

mill-Kummissjoni għandhom jingħataw ukoll. It-tieni, il-Kummissjoni teħtieġ biss is-sottomissjoni ta' informazzjoni relevanti u neċessarja għall-inkjesta tagħha fl-operazzjoni notifikata. F'ċertu każijiet, mhux l-informazzjoni kollha meħtieġa minn din il-formola tkun neċessarja għal dan il-għan. Il-Kummissjoni tista' għalhekk taħfer l-obbligu li tiġi pprovduta ċerta informazzjoni meħtieġa minn din il-formola (ara l-Artikolu 3(2) tar-Regolament). Din id-disposizzjoni tippermetti, fejn xieraq, illi kull applikazzjoni tkun mfassla għall-każ partikolari sabiex l-informazzjoni li hija strettament neċessarja għall-eżami tal-Kummissjoni biss tkun ipprovduta. Dan jevita piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa milli jiġu imposti fuq intrapriżi, b'mod partikolari fuq dawk żgħar u ta' daqs medju. Fejn l-informazzjoni jew dokumenti meħtieġa minn din il-formola ma jiġux ipprovduti għal din ir-raġuni, l-applikazzjoni għandha tindika r-raġuni għalfejn l-informazzjoni tiġi kkunsidrata mhux meħtieġa għall-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

Fejn il-Kummissjoni ssib illi informazzjoni li tkun tinsab fl-applikazzjoni ma tkunx sħiħa f'aspett materjali, hija għandha, fi żmien xahar mill-irċevuta, tinforma l-applikant jew lill-parti li tkun għamlet in-notifika bil-miktub dwar dan il-fatt u n-natura ta' l-informazzjoni nieqsa. F'dawn il-każijiet, l-applikazzjoni għandha ssir effettiva mid-data li fiha l-informazzjoni sħiħa tasal għand il-Kummissjoni. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx infurmat lill-applikant jew lill-parti li tkun għamlet in-notifika fil-perjodu ta' xahar illi l-applikazzjoni ma tkunx sħiħa f'aspett materjali, l-applikazzjoni għandha tiġi meqjusa sħiħa u valida (ara l-Artikolu 4 tar-Regolament).

Huwa wkoll importanti li intrapriżi jinfurmaw lill-Kummissjoni b'tibdiliet importanti fis-sitwazzjoni fattwali inklużi dawk li huma jsiru jafu bihom wara li jkunu daħħlu l-applikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha, għalhekk, tkun infurmata immedjatament b'kull tibdil fl-akkordji, deċiżjoni jew prattika li tkun is-soġġett ta' l-applikazzjoni (ara l-Artikolu 4(3) tar-Regolament). Nuqqas li l-Kummissjoni tiġi infurmata b'tibdiliet relevanti bħal dawn, jista' jwassal, li kwalunkwe deċiżjoni ta' nuqqas ta' mogħdija ssir bla effett jew fl-irtirar ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' eżenzjoni ([1]) adottata mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-applikazzjoni.

F. **Il-bżonn għal informazzjoni preċiża**

Barra mill-ħtieġa li l-applikazzjoni tkun sħiħa, huwa importanti illi inti tiżgura li l-informazzjoni pprovduta tkun preċiża (ara l-Artikolu 3(1) tar-Regolament). Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li timponi, b'deċiżjoni, fuq intrapriżi jew assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi, multi sa EUR 5 000 fejn, b'mod intenzjonali jew bi traskuraġni, huma jipprovdu informazzjoni mhux korretta jew qarrieqa f'applikazzjoni (l-Artikolu 22(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 12(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87). Din l-informazzjoni hija, barra minn hekk, meqjusa bħala mhux sħiħa (ara l-Artikolu 4(4) tar-Regolament).

G. **Min jista' jissottometti applikazzjoni?**

Kwalunkwe intrapriża parti għall-akkordju, deċiżjoni jew prattika tat-tip deskritt fl-Artikoli 85 jew 86 tat-Trattat tal-KE u l-Artikoli 53 jew 54 tal-Ftehim taż-ŻEE tista' ddaħħal applikazzjoni għal nuqqas ta' mogħdija skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87. Kwalunkwe intrapriża parti għall-akkordju, deċiżjoni jew prattika ta' tip deskritt fl-Artikoli 2 u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, jew l-Artikolu 85 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE, tista' ddaħħal applikazzjoni biex titlob eżenzjoni. Assoċjazzjoni ta' intrapriżi tista' tissottometti applikazzjoni fir-rigward ta' deċiżjonijiet meħuda jew prattiċi segwiti fl-operat ta' l-assoċjazzjoni.

Fir-rigward ta' akkordji u prattiċi miftiehma bejn intrapriżi hija prattika komuni li l-partijiet kollha involuti jissottomettu applikazzjoni flimkien. Għalkemm il-Kummissjoni tirrakkomanda bil-qawwa din il-prattika, il-għaliex hija ta' għajnuna li jkollok l-opinjonijiet tal-partijiet kollha li jkunu direttament ikkonċernati fl-istess waqt, din mhix obbligatorja. Kwalunkwe parti għal akkordju tista' tissottometti applikazzjoni fil-kapaċità individwali tagħha, iżda f'dawn iċ-ċirkostanzi l-parti li tkun qiegħda tagħmel in-notifika għandha tinforma l-partijiet l-oħra kollha għall-akkordju, deċiżjoni jew prattika bil-fatt (ara l-Artikolu 1(2) tar-Regolament). Hija tista' tipprovdihom ukoll b'kopja tal-formola sħiħa, fejn relevanti, ladarba informazzjoni kunfidenzjali u sigrieti kummerċjali jkunu ġew mħassra (ara hawn taħt, parti operazzjonali, domanda 1.2).

Fejn tiġi ssottomessa applikazzjoni konġunta, saret ukoll prattika komuni illi jinħatar rappreżentant konġunt sabiex jaġixxi għan-nom ta' l-intrapriżi involuti, kemm sabiex issir l-applikazzjoni jew in-notifika kif ukoll sabiex ikollu x'jaqsam ma' kuntatti sussegwenti mal-Kummissjoni (ara l-Artikolu 1(4) tar-Regolament). Għal darba oħra, waqt li din hija ta' għajnuna, m'hix obbligatorja, u l-intrapriżi kollha li jissottomettu applikazzjoni konġunta jistgħu jiffirmaw fil-kapaċitajiet individwali tagħhom.

([1]) Ara punti (a) l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87.

H. **Kif tissottometti applikazzjoni**

Applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' Stat ta' l-EFTA (ara l-Artikolu 2(5) u 6 tar-Regolament). Sabiex ikunu żgurati proċeduri mgħaġġla, huwa, madankollu, irrakkomandat illi tiġi użata, f'każ ta' applikazzjoni lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA waħda mil-lingwi uffiċjali ta' Stat ta' l-EFTA jew il-lingwa li biha topera l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA, li hija l-Ingliż, jew, fil-każ ta' applikazzjoni lill-Kummissjoni, waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' Stat ta' l-EFTA jew il-lingwa li biha topera l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA. Din il-lingwa għandha minn hemm 'il quddiem tkun il-lingwa tal-proċeduri għall-applikant.

Intrapriżi għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba fil-formola TR, billi jużaw is-sezzjonijiet u n-numri tal-paragrafi, jiffirmaw dikjarazzjoni kif ipprovdut fis-Sezzjoni 13, u jipprovdu fl-Anness id-dokumentazzjoni ta' appoġġ mitluba.

Dokumenti ta' appoġġ li jiġu mitluba għandhom jiġu ssottomessi fil-lingwa oriġinali tagħhom; fejn din ma tkunx lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni għandhom jiġu tradotti fil-lingwa tal-proċeduri. Id-dokumenti ta' appoġġ jistgħu jkunu oriġinali jew kopji ta' l-oriġinal (ara l-Artikolu 2(4) tar-Regolament).

L-informazzjoni kollha mitluba f'din il-formola għandha, sakemm ma jingħadx mod ieħor, jkollha x'taqsam massena kalendarja ta' qabel dik ta' l-applikazzjoni. Fejn informazzjoni ma tkunx disponibbli b'mod raġonevoli fuq din il-bażi (per eżempju jekk il-perjodi ta' żamma tal-kotba ma jkunux ibbażati fuq is-sena kalendarja, jew il-figuri tas-sena ta' qabel jkunu għadhom mhumiex disponibbli), għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni l-iktar riċenti u disponibbli u għandhom jingħataw raġunijiet il-għala l-figuri fuq il-bażi tas-sena kalendarja preċedenti għal dik ta' l-applikazzjoni ma jistgħux jingħataw.

L-informazzjoni finanzjarja tista' tiġi pprovduta fil-munita li fiha l-kotba uffiċjali riveduti ta' l-intrapriża(i) ikkonċernata(i) jkunu preparati jew f'Euro. Fil-każ ta' aħħar ir-rata ta' kambju użata għall-kambju għandha tkun il-medja tar-rati ta' kambju li kienu applikabbli għas-snin jew għall-perjodi oħra in kwistjoni.

Għandha tkun ipprovduta kopja oriġinali u 17-il kopja ta' kull applikazzjoni, iżda tliet kopji biss tad-dokumenti kollha ta' appoġġ (ara l-Artikolu 2(3) tar-Regolament).

L-applikazzjoni għandha tiġi mibgħuta lil:

Il-Kummissjoni Ewropea,
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (DG IV),
Ir-Reġistratur
Rue de la Loi/Westraat 200,
B-1049 Brussel,

jew titwassal bl-idejn matul il-ġranet tax-xogħol tal-Kummissjoni u l-ħinijiet tax-xogħol uffiċjali fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea,,
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (DG IV),
Ir-Reġistratur
Avenue de Cortenberg/Kortenberglaan 158,
B-1049 Brussel.

I. **Kunfidenzjalità**

L-Artikolu 214 tat-Trattat tal-KE, l-Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87, l-Artikolu 9 tal-Protokoll 23 għall-Ftehim taż-ŻEE, l-Artikolu 122 tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Artikolu 27 tal-Kapitolu VI, l-Artikolu 24 tal-Kapitolu IX u l-Artikolu 17 tal-Kapitolu XI tal-Protokoll 4 għall-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja jeħtieġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Awtorità ta' Sorveljanza taż-ŻEE u lill-Istati ta' l-EFTA sabiex ma' jiżvelawx informazzjoni tat-tip koperta mill-obbligu tas-sigriet professjonali.

Mill-banda l-oħra, ir-Regolamenti (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87 jeħtieġu li l-Kummissjoni tippubblika taqsira ta' l-applikazzjoni għal eżenzjoni. F'din il-pubblikazzjoni, il-Kummissjoni... għandha jkollha rigward għall-interess leġittimu ta' l-intrapriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom (l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87).

Qabel ma tippubblika taqsira ta' applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha turi lill-applikant(i) kopja tat-test propost.

F'dan ir-rigward, jekk intrapriża temmen illi l-interessi tagħha sejrin jiġu mfixkla jekk xi informazzjoni minn dik li hija tiġi mitluba tippreżenta kellha tkun ippublikata jew inkella mxandra b'xi mod ieħor lill-intrapriżi oħra, hija għandha tpoġġi l-informazzjoni kollha fl-anness wieħed jew aktar separati b'kull paġna mmarkata b'mod ċar "Sigrieti kummerċjali". Hija għandha wkoll tagħti raġunijiet il-għala l-informazzjoni identifikata bħala kunfidenzjali jew sigrieta ma għandhiex tixxandar jew tiġi ppublikata.

J. **Proċedura sussegwenti**

L-applikazzjoni tiġi rreġistrata fir-Reġistru tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (DG IV). Id-data ta' rċevuta mill-Kummissjoni (jew id-data ta' meta tkun intbagħtet jekk mibgħuta b'posta rreġistrata) hija d-data effettiva tas-sottomissjoni (ara l-Artikolu 4(1) tar-Regolament). Madankollu, japplikaw regoli speċjali għal applikazzjonijiet mhux sħaħ (ara taħt punt E).

Il-Kummissjoni għandha tibgħat notifika ta' rċevuta għal kull applikazzjoni li tirċievi bil-miktub, waqt li tindika n-numru tal-każ attribwit għall-fajl. Dan in-numru għandu jiġi użat f'kull korrispondenza futura rigward l-applikazzjoni. Ir-riċeviment tan-notifika ta' rċevuta ma tagħmilx preġudizzju ta' jekk l-applikazzjoni hiex valida.

Tista' tintalab aktar informazzjoni mill-partijiet jew minn terzi persuni u jistgħu jingħataw suġġerimenti dwar l-emendi għall-arranġamenti li jistgħu jagħmluhom aċċettabbli.

Applikazzjoni għal deċiżjoni ta' eżenzjoni tista' tiġi opponuta mill-Kummissjoni jekk hija jkollha dubji serji dwar jekk l-arranġamenti għandhomx jibbenefikaw minn deċiżjoni ta' eżenzjoni.

Jekk, wara li tkun qajmet dubji serji taħt il-proċedura ta' oppożizzjoni, il-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li toħroġ deċiżjoni ta' eżenzjoni, hija tkun obbligata tippubblika taqsira u tistieden kummenti minn terzi persuni (l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87). Sussegwentement, għandu jiġi ssottomess deċiżjoni abbozz preliminari u għandha tiġi diskusss mal-Kumitat Konsultattiv ix-xieraq magħmul minn uffiċjali ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Fejn il-każ jaqa' taħt il-Ftehim taż-ŻEE, rappreżentanti ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA u ta' l-Istati ta' l-EFTA jiġu mistiedna jattendu. Imbagħad biss, u sakemm ma jkun ġara xejn sabiex tinbidel l-intenzjoni tal-Kummissjoni, hija tista' tadotta deċiżjoni.

Ġieli l-files jiġu magħluqin mingħajr ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni formali, per eżempju, għaliex ikun instab illi ftehim ikun diġà kopert b'eżenzjoni ġenerali, jew għaliex ma jsejħu għal ebda azzjoni mill-Kummissjoni, għallinqas f'ċirkostanzi f'dak iż-żmien. F'dawk il-każi ittri ta' konfort jintbagħtu. Għalkemm mhux deċiżjoni tal-Kummissjoni, ittra ta' konfort tindika kif id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni (DG IV) jara l-każ fuq il-fatti li dak il-ħin ikunu fil-pussess tiegħu li jfisser li l-Kummissjoni tista' fejn ikun hemm bżonn, per eżempju, li kieku kellu jkun deċiż illi kuntratt kien null taħt l-Artikolu 85(2) tat-Trattat tal-KE u/jew l-Artikolu 53(2) tal-Ftehim taż-ŻEE, jieħu deċiżjoni xierqa biex jikkjarifika s-sitwazzjoni legali.

K. **Definizzjonijiet użati fil-parti operazzjonali ta' din il-formola**

Akkordju: il-kelma "akkordju" hija użata biex tirreferi għall-kategoriji kollha ta' arranġamenti, i.e. arranġamenti bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi u prattiċi miftiehma.

Sena: ir-referenzi kollha għall-kelma "sena" f'din il-formola għandhom jinqraw bħala li jfissru sena kalendarja, sakemm ma jingħadx xort'oħra.

Grupp: relazzjoni ta' grupp teżisti għall-għanijiet ta' din il-formola fejn intrapriża:

— hija s-sid ta' aktar minn nofs il-kapital jew assi tan-negozju ta' intrapriża oħra, jew

— għandha l-poter teżerċita aktar minn nofs id-drittijiet tal-vot f'intrapriża oħra, jew

— għandha l-poter taħtar aktar minn nofs il-membri tal-bord ta' sorveljanza, tal-bord tad-diretturi jew korpi li legalment jirrappreżentaw lill-intrapriża, jew

— għandha d-dritt li tamministra n-negozju ta' intrapriża oħra.

Intrapriża li hija kkontrollata b'mod konġunt minn diversi intrapriżi oħra (intrapriża flimkien) tifforma parti mill-grupp ta' kull waħda minn dawn l-intrapriżi.

akkordju notifikat: akkordju notifikat huwa wieħed illi huwa soġġett ta' applikazzjoni billi tintuża din il-formola.

Suq tal-prodott relevanti: domanda 5.1 ta' din il-formola titlob lill-intrapriża jew lill-individwu li jkun qiegħed jissottometti l-applikazzjoni sabiex jiddefinixxi l-prodott relevanti u/jew s-suq (swieq) ta' servizzi illi x'aktarx jiġu affettwati mill-ftehim in kwistjoni. Dik id-definizzjoni(jiet) tiġi mbagħad użata bħala l-bażi ta' numru ta' domandi oħra li jinsabu f'din il-formola. Id-definizzjoni(jiet) hekk mogħtija mill-applikanti ssir riferenza għaliha (għalihom) f'din il-formola bħala s-suq (swieq) ta' prodotti relevanti.

Suq ġeografiku relevanti: domanda 5.2 ta' din il-formola titlob lill-intrapriża jew lill-individwu li jkun qiegħed jissottometti l-applikazzjoni sabiex jiddefinixxi s-suq (swieq) ġeografiku (ġejografiċi) relevanti illi x'aktarx jiġu affettwati mill-ftehim in kwistjoni. Dik id-definizzjoni(jiet) tiġi mbagħad użata bħala l-bażi ta' numru ta' domandi oħra li jinsabu f'din il-formola. Id-definizzjoni(jiet) hekk mogħtija mill-applikanti ssir riferenza għaliha (għalihom) f'din il-formola bħala s-suq (swieq) ġeografiku (ġejografiċi) relevanti.

Suq tal-prodott u suq ġeografiku relevanti: bis-saħħa tal-kombinazzjoni tar-risposti għad-domanda 5 il-partijiet jipprovdu d-definizzjoni tagħhom tas-suq (swieq) relevanti affettwati bl-akkordji nnotifikat(i). Dik (dawk) id-definizzjoni(jiet) tiġi (jiġu) mbagħad użata(i) bħala l-bażi ta' numru ta' domandi oħra li jinsabu f'din il-formola. Id-definizzjoni(jiet) hekk mogħtija mill-parti li tkun għamlet in-notifika ssir riferenza għaliha f'din il-formola bħala s-suq (swieq) ġeografiku (ġejografiċi) u ta' prodott relevanti.

Partijiet u applikant: il-kelma "parti" hija użata sabiex tirreferi għall-intrapriżi li huma parti għall-ftehim li jkun qiegħed jiġi nnotifikat. Minħabba li applikazzjoni tista' tiġi ssottomessa biss minn waħda mill-intrapriżi li huma parti għall-ftehim, "applikant" hija użata sabiex tirreferi biss għal intrapriża jew intrapriżi li jkunu fil-fatt qegħdin jissottomettu applikazzjoni.

FORMOLA TR – PARTI OPERAZZJONALI

L-ewwel paġna ta' l-applikazzjoni tiegħek għandu jkun fiha l-kliem "Applikazzjoni b'mod konformi mal-formola TR", kif ukoll waħda jew aktar mill-indikazzjonijiet li ġejjien skond il-każ:

— "Applikazzjoni għall-eżenzjoni taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68,"

— "Applikazzjoni għall-eżenzjoni taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86,"

— "Applikazzjoni għal nuqqas ta" mogħdija taħt l-Artikolu 3(2) u/jew eżenzjoni taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87,

KAPITOLU I

Sezzjonijiet li jikkonċernaw il-partijiet, il-gruppi tagħhom u l-ftehim

Sezzjoni 1

Identità ta' l-intrapriża jew tal-persuni li qegħdin jissottomettu l-applikazzjoni

1.1. Jekk jogħġbok elenka l-intrapriżi li f'isimhom qiegħda tiġi sottomessa l-applikazzjoni u indika d-denominazzjoni legali jew l-isem kummerċjali, fil-qosor jew kif użat normalment, kif xieraq (jekk huwa differenti mid-denominazzjoni legali).

1.2. Jekk l-applikazzjoni qegħda tiġi ssottomessa f'isem intrapriża waħda biss jew xi whud mill-intrapriżi parti għall-akkordju li qiegħed jiġi nnotifikat, jekk jogħġbok ikkonferma li l-intrapriżi li baqa', ġew infurmati bil-fatt u indika jekk huma rċevewx kopja ta' l-applikazzjoni, b'informazzjoni kunfidenzjali u sigrieti kummerċjali mħassra ([1]). (F'ċirkostanzi bħal dawn kopja tal-kopja ta' l-applikazzjoni editjata li tkun ġiet ipprovduta lil intrapriżi oħra bħal dawn għandha tkun annessa ma' din l-applikazzjoni).

1.3. Jekk tkun qiegħda tiġi sottomessa applikazzjoni konġunta, ġie maħtur ([2]) rappreżentant konġunt ([3])?

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji mitluba f'1.3.1 sa 1.3.3.

Jekk le, jekk jogħġbok agħti d-dettalji ta' kwalunkwe rappreżentant li kien ġie awtorizzati jaġixxi għal kull wieħed jew għaż-żewġ partijiet għall-akkordju u indika lil min jirrappreżenta.

1.3.1. Isem tar-rappreżentant.

1.3.2. Indirizz tar-rappreżentant.

1.3.3. Numru tat-telefon u tal-fax tar-rappreżentant.

1.4. F'każijiet fejn ikun ġie maħtur rappreżentant wieħed jew aktar, awtorizzazzjoni sabiex jaġixxi(u) f'isem l-intrapriża(i) li tkun qiegħda tissottometti l-applikazzjoni għandha takkompanja l-applikazzjoni.

Sezzjoni 2

Informazzjoni fuq il-partijiet għall-ftehim u l-gruppi li għalihom jappartjenu

2.1. Agħti l-isem u l-indirizz tal-partijiet għall-akkordju li qiegħed jiġi nnotifikat, u l-pajjiż ta' fejn huma inkorporati.

2.2. Għid x'inhi n-natura tan-negozju ta' kull wieħed mill-partijiet għall-akkordju li qiegħed jiġi nnotifikat.

2.3. Għal kull parti għall-akkordju, agħti l-isem tal-persuna li tista' tiġi kkuntatjata, flimkien ma' isimha, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-fax u l-pożizzjoni li għandha fl-intrapriża.

2.4. Identifika l-assoċjazzjoni li għaliha jappartjenu l-partijiet għall-akkordju li qiegħed jiġi nnotifikat. Għid liema huma s-setturi li fihom dawn il-gruppi huma attivi, u d-dħul min-negozju dinji ta' kull grupp ([4]).

([1]) Il-Kummissjoni taf li f'każijiet eċċezzjonali jista' ma jkunx prattiku li tinforma partijiet mhux notifikaturi għall-ftehim innotifikat dwar il-fatt li kien ġie innotifikat, jew li tipprovdihom b'kopja ta' l-applikazzjoni. Dan jista' jkun il-każ, per eżempju, fejn ftehim standard jkun qiegħed jiġi notifikat li jiġi konkluż ma' numru kbir ta' intrapriżi. Fejn dan ikun il-każ inti għandek tagħti r-raġunijiet għalfejn ma kienx prattikabbli li ssegwi l-proċedura standard skond din id-domanda.

([2]) Mhux obbligatorju li jinħatar rappreżentant sabiex tiġi mimlija u/jew tiġi ssottomessa din l-applikazzjoni. Din id-domanda titlob biss l-identifikazzjoni tar-rappreżentanti fejn l-applikanti għażlu li jappuntawhom.

([3]) Għar-raġunijiet ta' din id-domanda rappreżentant ifisser individwu jew intrapriża maħtur(a) formalment sabiex jagħmel jew tagħmel applikazzjoni f'isem il-parti jew partijiet li jkunu qegħdin jissottomettu l-applikazzjoni. Dan għandu jkun distint mis-sitwazzjoni fejn l-applikazzjoni tiġi ffirmata minn uffiċjal tal-kumpanija jew kumpaniji in kwistjoni. F'din l-aħħar sitwazzjoni l-ebda rappreżentant ma jiġi maħtur.

([4]) Għall-kalkulazzjoni ta' qliegħ fis-settur bankarju u dak ta' l-assigurazzjoni ara l-Artikolu 3 tal-Protokoll 22 tal-Ftehim taż-ŻEE.

Sezzjoni 3

Suġġetti proċedurali

3.1. Jekk jogħġbok għid jekk għamiltx kwalunkwe sottomissjoni formali ma' awtorità ta' kompetizzjoni oħra fir-rigward ta' l-akkordju in kwistjoni. Jekk iva, għid liema huma l-awtoritajiet, l-individwu jew id-dipartiment in kwistjoni, u n-natura tal- kuntatt. Barra minn hekk, semmi kwalunkwe avviċinamenti jew kuntatti informali preċedenti, li inti taf bihom, mal-Kummissjoni u/jew ma' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA u kwalunkwe avviċinamenti oħra preċedenti ma' kwalunkwe awtorità nazzjonali jew qorti fil-Komunità jew fit-territorju ta' l-Istati ta' l-EFTA dwar dawn jew xi akkordju ieħor relatat.

3.2. Jekk jogħġbok, agħti fil-qosor raġunijiet għal xi pretensjoni li l-każ jinvolvi xi materja ta' urġenza eċċezzjonali.

3.3. Għid jekk inti għandekx il-ħsieb tipproduċi aktar fatturi jew argumenti ta' appoġġ li għadhom mhumiex disponibbli u, jekk iva, fuq liema punti ([1]).

Sezzjoni 4

Dettalji sħaħ ta' l-akkordju

4.1. Jekk jogħġbok agħti fil-qosor in-natura, l-kontenut u l-għanijiet segwiti bl-akkordju li qiegħed jiġi nnotifikat.

4.2. Agħti dettalji ta' kwalunkwe disposizzjonijiet li jkunu jinsabu fl-akkordji li jistgħu jirrestrinġu l-libertà tal-partijiet milli jieħdu deċiżjonijiet kummerċjali indipendenti, per eżempju fir-rigward ta':

— prezzijiet ta' bejgħ u ta' xiri, tnaqqis fil-prezz u kondizzjonijiet oħra tan-negozju,

— il-kwantità tas-servizzi li għandhom jiġu offruti,

— żvilupp tekniku jew investiment,

— l-għażla tas-swieq jew sorsi ta' provvista,

— xiri mingħand jew bejgħ lil terzi persuni,

— jekk għandhomx jiġu applikati termini simili għall-provvista ta' servizzi ekwivalenti,

— jekk għandhomx jiġu offruti servizzi differenti separatament jew flimkien.

Jekk qiegħed titlob il-benefiċċju ta' proċedura ta' oppożizzjoni taħt regolament ta' eżenzjoni ġenerali, identifika f'din il-lista ir-restrizzjonijiet li jeċċedu dawk li huma awtomatikament eżentati mir-Regolament relevanti.

4.3. Għid bejn liema Stati Membri tal-Komunità u/jew Stati ta' l-EFTA ([2]) jista' jiġi affettwat in-negozju minħabba l-akkordju. Jekk jogħġbok agħti raġunijiet għar-risposta tiegħek għal din id-domanda, billi tagħti informazzjoni fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-kummerċ fejn relevanti. Barra minn hekk, jekk jogħġbok għid jekk n-negozju bejn il-Komunità jew iż-ŻEE u kwalunkwe pajjiż terz ieħor huwiex affettwat, erġa' agħti raġunijiet għar-risposta tiegħek.

KAPITOLU II

Sezzjoni dwar is-suq relevanti

Sezzjoni 5

Is-suq relevanti

Suq ta' prodott relevanti jkun fih dawk il-prodotti kollha u/jew servizzi li jitqiesu bħala li jistgħu jiġu mibdulin ma' xulxin u jiġu sostitwiti mill-konsumatur, minħabba l-karatteristiċi tal-prodotti, il-prezz tagħhom u l-użu li għalih ikunu maħsuba ([3]).

Il-fatturi li ġejjien huma normalment meqjusin relevanti għall-istabbiliment ta' suq ta' prodott relevanti u għandu jingħata każ tagħhom f'din l-analiżi ([4]):

— il-grad ta' xebħ bejn is-servizzi in kwistjoni,

([1]) Sakemm il-partijiet li jkunu qiegħed jagħmlu n-notifikazzjoni jipprovdu l-informazzjoni mitluba minn din il-formola li kienet raġonevolment disponibbli għalihom fiż-żmien tan-notifikazzjoni, il-fatt li l-partijiet jaħsbu sabiex jipprovdu aktar fatti u dokumentazzjoni ta' appoġġ f'waqthom, ma jipprevenix in-notifikazzjoni milli tkun valida fiż-żmien tan-notifikazzjoni.

([2]) Ara l-lista f'Appendiċi II.

([3]) Ara l-avviż tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq relevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità (ĠU C 372, 9.12.1997, p. 5).

([4]) Din mhix madankollu, eżawrjenti, u applikanti jistgħu jirreferu għal fatturi oħra.

— differenzi fil-prezz bejn iż-żewġ servizzi,

— il-prezz biex wieħed jaqleb bejn iż-żewġ servizzi potenzjalment kompetituri,

— preferenzi stabbiliti jew fissi tal-konsumatur għal tip wieħed jew kategorija ta' servizz fuq ieħor,

— klassifikazzjonijiet tas-servizz madwarl l-industrija kollha (eż. klassifikazzjonijiet miżmumin minn assoċjazzjonijiet tan-negozju).

Is-suq ġeografiku relevanti fik iż-żona li fiha jkunu nvoluti l-intrapriżi kkonċernati fil-provvista tal-prodotti jew servizzi, li fihom, il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni huma omoġenji biżżejjed u li jistgħu jintagħrfu minn żoni ġirien minħabba, b'mod partikolari, li l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni huma differenti mhux ħażin f'dawn iż-żoni.

Fatturi relevanti għall-istima ta' suq ġeografiku relevanti jinkludu ([1]) in-natura u l-karatteristiċi tas-servizzi kkonċernati, l-eżistenza ta' ostakoli tad-dħul jew preferenzi tal-konsumatur, u differenzi mhux ħażin għas-sehem ta' l-intrapriża fis-suq jew differenzi fil-prezz sostanzjali bejn żoni ġirien.

5.1. Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, jekk jogħġbok spjega d-definizzjoni ta' suq jew swieq ta' prodott relevanti li fl-opinjoni tiegħek għandha tifforma l-bażi ta' l-analiżi tal-Kummissjoni ta' l-applikazzjoni.

Fir-risposta tiegħek, jekk jogħġbok, agħti raġunijiet għall-assunzjonijiet jew sejbiet, u spjega kif il-fatturi mfassla jkun ingħata każ tagħhom. B'mod partikolari, jekk jogħġbok, semmi l-prodotti speċifiċi jew servizzi direttament jew indirettament affetwati bl-akkordju li qiegħed jiġi nnotifikat u identifika l-kategoriji ta' servizzi li jidhru sostittwibbli fid-definizzjoni tas-suq tiegħek.

Fid-domandi li jidhru hawn taħt, sejra ssir referenza għal din (jew dawn) id-definizzjoni(jiet) bħala "is-suq (swieq) ta' prodott relevanti".

5.2. Jekk jogħġbok spjega id-definizzjoni ta' suq jew swieq ġeografiku jew ġeografiċi relevanti li fl-opinjoni tiegħek għandha tifforma l-bażi ta' l-analiżi tal-Kummissjoni ta' l-applikazzjoni.

Fir-risposta tiegħek, jekk jogħġbok, agħti raġunijiet għall-assunzjonijiet jew sejbiet, u spjega kif il-fatturi mfassla jkun ingħata każ tagħhom. B'mod partikolari, jekk jogħġbok identifika l-pajjiżi li fihom il-partijiet huma attivi fis-suq (swieq) ta' prodott relevanti, u f'każ illi int tikkonsidra illi s-suq ġeografiku relevanti huwa aktar wiesgħa mill-Istat Membru individwali tal-Komunità jew it-territorju ta' l-Istati ta' l-EFTA li fihom il-partijiet għall-akkordju huma attivi, agħti r-raġunijiet għal dan.

Fid-domandi li jidhru hawn taħt, din (jew dawn) id-definizzjoni(jiet) sejra issir (sejrin isiru) riferenza għaliha (għalihom) bħala "is-suq (swieq) ġeografiċi relevanti".

Sezzjoni 6

Membri ta' grupp li joperaw fuq l-istess swieq tal-partijiet

6.1. Għal kull waħda mill-partijiet għall-akkordju li qiegħed jiġi notifikat, ipprovdi lista ta' intrapriżi li jappartjenu għall-istess grupp li huma:

6.1.1. attivi fis-suq (swieq) ta' prodott relevanti;

6.1.2. attivi fis-swieq ġirien mas-suq (swieq) ta' prodott relevanti (i.e. attivi fil-prodotti u/jew servizzi illi jirrappreżentaw b'mod imperfett jew b'sostituzzjoni parzjali għal dawk inklużi fid-definizzjoni tiegħek ta' suq (swieq) ta' prodott relevanti.

Dawn l-intrapriżi għandhom jiġu identifikati ukoll jekk ibigħu l-prodott jew servizz in kwistjoni f'żoni ġeografiċi oħra għajr f'dawk li joperaw fihom il-partijiet għall-akkordju. Jekk jogħġbok agħti l-isem, il-pajjiż ta' inkorporazzjoni, il-prodotti eżatti jew is-servizzi pprovduti u l-iskop ġeografiku ta' l-operazzjoni ta' kull membru tal-grupp.

Sezzjoni 7

Il-pożizzjoni tal-partijiet fis-suq (swieq) ta' prodott relevanti

Informazzjoni mitluba f'din is-sezzjoni għandha tkun ipprovduta għall-gruppi tal-partijiet bħala ħaġa sħiħa. Mhux biżżejjed li tipprovdi din l-informazzjoni biss għall-intrapriżi individwali direttament konċernati bl-akkordji.

([1]) Din m'hix madankollu, eżawrjenti, u applikanti jistgħu jirreferu għal fatturi oħra.

7.1. Rigward kull suq (swieq) ta' prodott relevanti identifikat fir-risposta tiegħek għad-domanda 5.1 jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

7.1.1. is-sehem fis-suq tal-partijiet fis-suq ġeografiku relevanti matul it-tliet snin ta' qabel;

7.1.2. fejn differenti, l-ishma tas-suq tal-partijiet f'(a) iż-ŻEE fl-intier, (b) il-Komunità, (ċ) it-territorju ta' l-Istati ta' l-EFTA u (d) kull Stat Membru tal-KE u ta' l-EFTA matul it-tliet snin ta' qabel ([1]). Għal din is-sezzjoni, fejn s-sehem fis-suq huwa inqas minn 20 %, jekk jogħġbok għid sempliċement liema minn dawn il-meded huma relevanti: 0 sa 5 %, 5 sa 10 %, 10 sa 15 %, 15 sa 20 %.

Sabiex tirrispondi għal dawn id-domandi, is-sehem tas-suq jista' jiġi kkalkolat jew fuq bażi ta' valur jew ta' volum. Għandha tingħata ġustifikazzjoni għall-figuri pprovduti. Għalhekk, għal kull risposta, għandu jingħata l-valur/volum totali tas-suq, flimkien mal-bejgħ/dħul ta' kull parti in kwistjoni. Għandu jingħata wkoll is-sors jew is-sorsi ta' informazzjoni (eż. l-istatistiċi uffiċjali, stimi, eċċ.), u fejn possibbli, għandhom jiġu pprovduti kopji ta' dokumenti li minnhom tkun ġiet meħuda l-informazzjoni.

Sezzjoni 8

Il-pożizzjoni tal-kompetituri u tal-klijenti dwar is-suq (swieq) ta' prodott relevanti

Informazzjoni mitluba f'din is-sezzjoni għandha tkun ipprovduta għall-grupp ta' partijiet bħala unita waħda u mhux fir-rigward tal-kumpaniji individwali direttament ikkonċernati fl-akkordji notifikati.

Għas-suq (swieq) ġeografiku (ġejografiċi) (kollha) ta' prodott relevanti li fih(om) il-partijiet ikollhom sehem fis-suq flimkien li jaqbeż il-15 %, għandhom jiġu mwieġba d-domandi li ġejjin.

8.1. Jekk jogħġbok identifika l-ħames kompetituri prinċipali tal-partijiet. Jekk jogħġbok identifika l-kumpanija u aġħti l-aħjar stima tiegħek dwar is-sehem tas-suq tagħhom fis-suq (swieq) ġeografiku(ġeografiċi) relevanti. Jekk jogħġbok ipprovdi ukoll l-indirizz, in-numru tat-telefon u tal-fax, u, fejn possibbli, l-isem tal-persuna li tista' tiġi ikkuntattjata f'kull kumpanija identifikata.

8.2. Jekk jogħġbok identifika l-ħames konsumaturi prinċipali tal-partijiet. Aġħti l-isem tal-kumpanija, l-indirizz, in-numri tat-telefon u tal-fax, flimkien ma' l-isem tal-persuna li tista' tiġi kkuntattjata.

Sezzjoni 9

Dħul fis-suq u kompetizzjoni potenzjali f'termini ta' prodott u f'termini ġeografiċi

Għas-suq (swieq) (kollha) ta' prodotti relevanti u suq (swieq) ġeografiku(ġeografiċi) li fih(om) il-partijiet għandhom sehem fis-suq flimkien li jeċċedi l-15 %, għandhom jiġu mwieġba d-domandi li ġejjien.

9.1. Iddiskrivi l-fatturi varji li jinfluwenzaw id-dħul f'termini tal-prodott fis-suq (swieq) ta' prodott relevanti li jeżisti(u) fil-każ preżenti (i.e. x'ostakoli jeżistu sabiex jipprevjenu intrapriżi li preżentement ma jipprovdux servizzi fi ħdan is-suq (swieq) ta' prodotti relevanti milli jidħlu f'dan is-suq (swieq)). Inti u tagħmel hekk aġħti każ ta' dan li ġej fejn xieraq:

— sa liema punt id-dħul fis-suq huwa influwenzat bil-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni mill-gvern jew stabbiliment ta' standards fi kwalunkwe forma? Hemm xi kontrolli legali jew regolatorji fuq id-dħul f'dawn is-swieq?

— sa liema punt huwa d-dħul fis-swieq influwenzat bil-ħtieġa li jkun hemm aċċess għall-infrastruttura ta' trasport?

— sa liema punt huwa d-dħul fis-swieq influwenzat bid-disponibbiltà ta' vetturi ta' rolling-stock, ajruplani, u vetturi oħra meħtieġa għall-forniment tas-servizzi?

— sa liema punt huwa influwenzat id-dħul fis-suq bit-tul tal-kuntratti bejn intrapriża u l-forniturи u/jew il-klijenti tagħha?

— iddeskrivi l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp u b'mod partikolari l-importanza tad-digriet tal-liċenzja, għarfien u drittijiet oħra f'dawn is-swieq.

([1]) Dan huwa fejn is-suq ġeografiku relevanti ġie ddefinit bħala dinji, dawn il-figuri għandhom jingħataw fir-rigward taż-ŻEE, il-Komunità, it-territorju ta' l-Istati ta' l-EFTA, u kull Stat Membru tal-KE. (18) Fejn is-suq ġeografiku relevanti jkun ġie ddefinit bħala l-Komunità, dawn il-figuri għandhom jingħataw għaż-ŻEE, it-territorju ta' l-Istati ta' l-EFTA, u kull Stat Membru tal-KE. Fejn is-suq kien ġie ddefinit bħala nazzjonali, dawn il-figuri għandhom jinghataw għaż-ŻEE, il-Komunità u t-territorju ta' l-Istati ta' l-EFTA.

9.2. Iddeskrivi l-fatturi varji li jinfluwenzaw id-dħul f'termini ġeografiċi fis-suq (swieq) ġeografiku (ġeografiċi) relevanti illi jeżistu fil-każ preżenti (i.e. x'ostakoli jeżistu li jipprevjenu intrapriża li diġà tipprovdi s-servizzi madwar is-suq (swieq) ġeografiku (ġeografiċi) relevanti iżda barra mis-suq (swieq) ġeografiku (ġeografiċi) relevanti milli testendi l-iskop tal-attivitajiet fis-suq (swieq) ġeografiku (ġeografiċi) relevanti?) Jekk jogħġbok agħti raġunijiet għat-twegiba tiegħek, spjega, fejn relevanti, l-importanza tal-fatturi li ġejjin:

— ostakoli kummerċjali imposti b'liġi, bħal tariffi, kwoti eċċ.,

— speċifikazzjoni lokali jew ħtiġiet tekniċi,

— politika ta' għoti ta' kuntratti,

— l-eżistenza ta' faċilitajiet adegwati u siewja għad-distribuzzjoni lokali u għal bejgħ bl-imnut,

— il-bżonn li jkun hemm aċċess għall-infrastruttura tat-trasport,

— preferenzi fl-imħuħ tal-konsumaturi għal ditti u prodotti lokali,

— lingwa.

9.3. Kien hemm xi intrapriżi ġodda illi daħlu fis-suq (swieq) ta' prodotti relevanti fiż-żoni ġeografiċi fejn il-partijiet huma attivi matul dawn l-aħħar tliet snin? Jekk jogħġbok ipprovdi din l-informazzjoni fir-rigward ta' kemm dawk li daħlu ġodda f'termini ta' prodott u kemm dawk li daħlu ġodda f'termini ġeografiċi. Jekk kien hemm dħul bħal dan, jekk jogħġbok identifika l-intrapriża(i) kkonċernati (l-isem, l-indirizz, in-numri tat-telefon u tal-fax, u, fejn possibbli, il-persuna li tista' tiġi ikkuntatjata), u ipprovdi l-aħjar stima tiegħek għas-sehem fis-suq tagħhom fis-suq (swieq) tal-prodott u fis-suq swieq ġeografiku(ġeografiċi) relevanti.

KAPITOLU III

Sezzjonijiet finali

Sezzjoni 10

Raġunijiet għall-applikazzjoni għal nuqqas ta' mogħdija

Jekk qiegħed tapplika għal nuqqas ta' mogħdija għid:

10.1. għalfejn, i.e. għid liema disposizzjonijiet jew effetti ta' l-akkordju jew mġiba jistgħu, fil-fehma tiegħek, joħolqu domandi ta' kompatibbiltà mar-regoli ta' kompetizzjoni tal-Komunità u/jew taż-ŻEE. L-għan ta' din is-subintestatura huwa sabiex jagħti lill-Kummissjoni l-iktar idea ċara possibbli tad-dubji li inti għandek dwar l-akkordji tiegħek jew l-mġiba li inti tixtieq issolvi permezz ta' nuqqas ta' mogħdija.

Imbagħad, taħt it-tliet referenzi li ġejjin, agħti dikjarazzjoni tal-fatti relevanti u r-raġunijiet għalfejn inti tikkonsidra li l-Artikolu 85(1) jew 86 tat-Trattat tal-KE u/jew l-Artikolu 53(1) jew 54 tal-Ftehim taż-ŻEE ma japplikawx, i.e.:

10.2. għalfejn l-akkordji jew l-imġieba ma għandhomx l-għan jew l-effett li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni madwar is-suq komuni jew madwar it-territorju ta' l-Istati ta' l-EFTA sa kull punt apprezzabbli, jew għalfejn l-intrapriża tiegħek ma għandhiex jew l-imġieba tagħha ma tabbużax minn pożizzjoni dominanti, u/jew

10.3. għalfejn l-akkordji jew l-imġieba m'għandhomx l-għan jew l-effett li jipprevjenu, jirrestrinġu jew li jgħawġu kompetizzjoni madwar iż-ŻEE sa kull punt apprezzabbli, jew għalfejn l-intrapriża tiegħek ma għandhiex jew l-imġieba tagħha ma tabbużax minn pożizzjoni dominanti, u/jew

10.4. għalfejn l-akkordji jew l-imġieba mhumiex tali li jaffettwaw in-negozju bejn l-Istati Membri jew bejn il-Komunità u wieħed jew aktar mill-Istati ta' l-EFTA, jew bejn l-Istati ta' l-EFTA sa kull punt apprezzabbli.

Sezzjoni 11

Raġunijiet għall-applikazzjoni għal eżenzjoni

Jekk qiegħed tapplika għal eżenzjoni taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 85(3) tat-Trattat tal-KE u/jew l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim taż-ŻEE, spjega kif:

11.1. l-akkordji jikkontribwixxi għal titjib fil-produzzjoni jew fid-distribuzzjoni, u/jew jippromwovi l-progress tekniku jew ekonomiku. Spjega b'mod partikolari kif l-akkordji jikkontribwixxi sabiex tittejjeb il-kwalità tas-servizzi tat-trasport, jew jippromwovi aktar kontinwità u stabilità sabiex jissodisfa l-bżonnijiet tat-trasport tas-suq fejn il-provvista u d-domanda huma soġġetti għall-flatwazzjonijiet temporanji konsiderevoli, jew għal żieda fil-produttività ta' l-intrapriżi.

B'mod partikolari, jekk jogħġbok spjega r-raġunijiet għala dawn il-benefiċċji huma mistennija li jirriżultaw fil-kollaborazzjoni; per eżempju, il-partijiet għall-akkordju għandhom teknoloġiji u sistemi ta' distribuzzjoni kumplimentarji illi jipproduċu sinerġijji importanti? (jekk iva, jekk jogħġbok għid liema). Jekk jogħġbok għid ukoll jekk ġewx imfassla dokumenti jew studji magħmula mill-applikanti meta kienu qegħdin jeżaminaw il-possibbiltà ta' l-operazzjonijiet u l-benefiċċji li x'aktarx jirriżultaw minnhom, u jekk dawn id-dokumenti jew studji pprovdux stimi tat-tfaddil jew effiċjenzi li x'aktarx jirriżultaw. Jekk jogħġbok ipprovdi kopji ta' dawn id-dokumenti jew studji;

11.2. sehem xieraq tal-benefiċċji li jinħolqu minn titjib jew progress bħal dan jaqax fuq il-konsumaturi. Spjega b'mod partikolari kif l-akkordji jagħti każ sewwa ta' l-interess ta' dawk li jużaw it-trasport;

11.3. kull disposizzjoni ristrettiva ta' l-akkordju hija indispensabbli sabiex jintlaħqu l-għanijiet mniżżlin taħt 11.1 (jekk qiegħed titlob il-benefiċċju tal-proċedura ta' oppożizzjoni, huwa b'mod partikolari importanti illi inti tidentifika u tiġġustifika r-restrizzjonijiet li jeċċedu dawk awtomatikament eżentati mir-Regolamenti relevanti). F'dan ir-rigward jekk jogħġbok spjega kif il-benefiċċji li jirriżultaw mill-akkordju identifikat fir-risposta tiegħek għad-domanda 11.1 ma jistgħux jintlaħqu, jew ma jistgħux jinkisbu daqshekk malajr jew b'mod effiċjenti jew biss bi spejjeż akbar jew b'inqas ċertezza ta' suċċess (i) mingħajr il-konklużjoni ta' l-akkordju bħala ħaġa sħiħa u (ii) mingħajr dawk il-klawsoli u disposizzjonijiet partikolari tal-akkordju identifikati fir-risposta tiegħek għad-domanda 4.2;

11.4. l-akkordji ma jeliminawx kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali ta' l-oġġetti jew servizzi konċernati.

Sezzjoni 12

Dokumentazzjoni ta' appoġġ

L-applikazzjoni sħiħa għandha tiġi mimlija u sottomessa f'oriġinal wieħed. Hija għandu jkun fiha l-aħħar verżjonijiet ta' l-akkordju kollha li huma s-suġġett ta' l-applikazzjoni u għandha tkun akkompanjata b'dan li ġej:

(a) 17-il kopja ta' l-applikazzjoni nnifisha;

(b) tliet kopji tar-rapport annwali u l-kotba tal-partijiet kollha għall-akkordju, deċiżjoni jew prattika nnotifikata għall-aħħar tliet snin;

(ċ) tliet kopji ta' l-aktar istudji riċenti fuq is-suq magħmulin minn ġewwa jew ta' studji esterni fuq perjodu ta' żmien twil jew dokumenti ta' ippjanar sabiex issir stima jew analiżi tas-suq (swieq) affettwat(i) fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-kompetittività, kompetituri (attwali jew potenzjali), u kondizzjonijiet tas-suq. Kull dokument għandu jkun fih l-isem u l-kariga ta' l-awtur;

(d) tliet kopji tar-rapporti u l-analiżi li kienu ġew ippreparati minn jew għal xi uffiċjal(i) jew direttur(i) għall-għanijiet ta' evalwazzjoni jew ta' analiżi ta' l-akkordju nnotifikat.

Sezzjoni 13

Dikjarazzjoni

L-applikazzjoni għandha tikkonkludi bid-dikjarazzjoni li ġejja li għandha tkun iffirmata minn jew f'isem l-applikanti kollha.

"Is-sottoskritt jiddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni hija korretta sa l-aħjar għarfien u twemmin tiegħu, illi kopji sħaħ tad-dokumenti kollha mitlubin mill-formola TR ġew ipprovduti sa fejn dawn huma fil-pussess tal-grupp ta' intrapriżi li tiegħu (tagħhom) jappartjeni l-applikant u huma aċċessibli għal dan ta' l-aħħar, illi l-istimi kollha huma identifikati bħala tali u huma l-aħjar stimi tal-fatturi tal-fatti sottolinjati u li l-opinijonijiet kollha espressi huma sinċieri."

Huma jafu bid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 12(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87.

Post u data:

Firem:

Jekk jogħġbok żid l-isem(ismijiet) tal-persuna(i) li qiegħda tiffirma l-applikazzjoni u l-funzjoni tagħha (tagħhom).

Applikazzjonijiet li ma ġewx iffirmati huma invalidi.

Appendiċi I

TEST TA' L-ARTIKOLI 85 u 86 TAT-TRATTAT TAL-KE, L-ARTIKOLI 53, 54 u 56 TAL-FTEHIM TAŻ-ŻEE, U L-ARTIKOLU 2, 3 u 4 TAL-PROTOKOLL 22 GĦAL DAK IL-FTEHIM

L-Artikolu 85 tat-Trattat tal-KE

1. Dan li ġej għandu jkun ipprojbit bħala inkompatibbli mas-suq komuni: kull akkordju bejn intrapriżi, kull deċiżjoni minn għaqda ta' intrapriżi u kull prattika miftiehma li jistgħu jaffettwaw in-negozju bejn l-Istati Membri u li għandhom bħala l-għan jew l-effett li jipprevjenu, jirrestrinġu jew li jxekklu l-kompetizzjoni madwar is-suq komuni, u b'mod partikolari dawk li:

(a) direttament jew indirettament jiffissaw il-prezz tax-xiri jew tal-bejgħ jew kwalunkwe kondizzjonijiet kummerċjali oħra;

(b) jillimitaw jew jikkontrollaw il-produzzjoni, is-swieq, l-iżvilupp tekniku, jew l-investiment;

(ċ) jaqsmu s-swieq jew sorsi ta' provvista;

(d) japplikaw kondizzjonijiet differenti għal transazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet oħra tan-negozju, u b'hekk ipoġġuhom fi żvantaġġ kompetittiv;

(e) jagħmlu l-konklużjoni ta' kuntratti soġġetti għall-aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' obbligi supplimentari li, mix-xorta tagħhom jew skond l-użu kummerċjali, ma jkollhom l-ebda konnessjoni mas-suġġett ta' kuntratti bħal dawn.

2. Akkordju jew deċiżjonijiet ipprojbiti skond dan l-Artikolu jkunu awtomatikament nulli.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 jistgħu, madankollu, jiġu ddikjarati mhux applikabbli fil-każ ta':

— kull fethim jew kategorija ta' akkordju bejn intrapriżi,

— kull deċiżjoni jew kategorija ta' deċiżjonijiet bejn assoċjazzjonijiet jew intrapriżi,

— kull prattika miftiehma jew kategorija ta' prattika miftehma,

li tikkontribbwixxi sabiex titjieb il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' oġġetti jew biex tippromwovi l-progress tekniku jew ekonomiku, filwaqt li tħalli lill-konsumaturi sehem xieraq tal-benefiċċji li jirriżultaw, u li ma:

(a) timponix fuq l-intrapriża kkonċernata restrizzjonijiet li mhumiex indispensabbli sabiex jintlaħqu dawn l-għanjiet;

(b) jagħtu lil dawn l-intrapriżi l-possibbiltà li jeliminaw l-kompetizzjoni rigward parti sostanzjali tal-prodotti in kwistjoni.

L-Artikolu 86 tat-Trattat tal-KE

Kull abbuż minn intrapriża waħda jew aktar ta' pożizzjoni dominanti matul is-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu għandu jkun ipprojbit bħala inkompatibbli mas-suq komuni sa fejn jista' jaffettwa n-negozju bejn Stati Membri.

Dan l-abbuż jista', b'mod partikolari jikkonsisti, fi:

(a) direttament jew indirettament jiġi impost prezz tax-xiri jew tal-bejgħ li ma jkunx ġust jew kondizzjonijiet kummerċjali inġusti oħra;

(b) limitazzjoni tal-produzzjoni, żvilupp tas-swieq jew żvilupp tekniku għall-preġudizzju tal-konsumaturi;

(ċ) li jiġu applikati kondizzjonijiet differenti għal transazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet oħra tan-negozju, u b'hekk ipoġġuhom fi żvantaġġ kompetittiv;

(d) li jagħmel il-konklużjonijiet tal-kuntratti soġġetti għall-aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' l-obbligi supplimentari li, min-natura tagħhom jew skond l-użu kummerċjali, ma għandhomx konnessjoni mas-suġġett ta' dawn il-kuntratti.

L-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE

1. Dan li ġej għandu jkun ipprojbit bħala inkompatibbli mat-tħaddim ta' dan il-ftehim: kull akkordju bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi u prattiċi miftiehma li jistgħu jaffettwaw in-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti u li għandhom bħala għan jew effett li jipprevjenu, jirrestrinġu jew li jxekklu l-kompetizzjoni fit-territorju kopert bil-ftehim, u b'mod partikolari dawk li:

(a) direttament jew indirettament jiġi impost prezz ta' xiri jew tal-bejgħ jew kondizzjonijiet kummerċjali oħra;

(b) jillimitaw jew jikkontrollaw il-produzzjoni, is-swieq, l-iżvilupp tekniku, jew l-investiment;

(ċ) iqassmu s-swieq jew is-sorsi ta' provvista;

(d) japplikaw kondizzjonijiet differenti għal transazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet oħra tan-negozju, u b'hekk ipoġġuhom fi żvantaġġ kompetittiv;

(e) jagħmlu l-konklużjoni tal-kuntratti soġġetta għall-aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' l-obbligi supplimentari li, min-natura tagħhom jew skond l-użu kummerċjali, ma jkollhomx konnessjoni mas-suġġett ta' dawn il-kuntratti.

2. Akkordju jew deċiżjonijiet ipprojbiti skond dan l-Artikolu jkunu awtomatikament nulli.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 jistgħu, madankollu, jiġu ddikjarati bħala mhux applikabbli fil-każ ta':

— kull akkordju jew kategorija ta' akkordju bejn intrapriżi,

— kull deċiżjoni jew kategorija ta' deċiżjonijiet bejn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi,

— kull prattika miftiehma jew kategorija ta' prattika miftehma,

li tikkontribbwixxi sabiex titjieb il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' oġġetti jew biex tippromwovi l-progress tekniku jew ekonomiku, filwaqt li tħalli lill-konsumaturi sehem xieraq tal-benefiċċji li jirriżultaw, u li ma:

(a) timponix fuq l-intrapriża kkonċernata restrizzjonijiet li mhumiex indispensabbli sabiex jintlaħqu dawn l-għanjiet;

(b) jagħtu lil dawn l-intrapriżi l-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti in kwistjoni.

L-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE

Kull abbuż minn intrapriża waħda jew aktar ta' pożizzjoni dominanti fit-territorju kopert b'dan il-ftehim jew f'parti sostanzjali minnu għandu jkun ipprojbit bħala mhux kompatibbli mal-hidma ta' dan il-Ftehim sa fejn jista' jaffettwa n-negozju bejn il-Partjiet Kontraenti.

Dan l-abbuż jista', b'mod partikolari jikkonsisti, fi:

(a) direttament jew indirettament jiġi impost prezz ta' xiri jew ta' bejgħ li ma jkunx ġust jew kondizzjonijiet kummerċjali inġusti oħra;

(b) li jillimita l-produzzjoni, l-iżvilupp tas-swieq jew l-iżvilupp tekniku għall-preġudizzju tal-konsumaturi;

(ċ) japplikaw kondizzjonijiet differenti għal transazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet oħra tan-negozju, u b'hekk ipoġġuhom fi żvantaġġ kompetittiv;

(d) jagħmlu l-konklużjoni tal-kuntratti soġġetta għall-aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' l-obbligi supplimentari li, min-natura tagħhom jew skond l-użu kummerċjali, ma għandhomx konnessjoni mas-suġġett ta' dawn il-kuntratti.

L-Artikolu 56 tal-Ftehim taż-ŻEE

1. Każijiet individwali li jaqgħu taħt l-Artikolu 53 għandhom ikunu deċiżi mill-Awtoritajiet ta' Sorveljanza skond id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) każijiet individwali fejn in-negozju bejn Stati ta' l-EFTA biss huwa affettwat għandhom ikunu deċiżi mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA;

(b) mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (ċ), l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tiddeċiedi, kif ipprovdut fid-disposizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 58, il-Protokoll 21 u r-regoli adottati għall-implimentazzjoni tiegħu, il-Protokoll 23 u l-Anness XIV, f'każijiet fejn il-qliegħ min-negozju ta' l-intrapriżi kkonċernati fit-territorju ta' l-Istati ta' l-EFTA jkun ugwali għal 33 % jew aktar tal-qliegħ tagħhom fit-territorju kopert b'dan il-Ftehim;

(ċ) il-Kummissjoni tal-KE tiddeċiedi fuq il-każijiet l-oħra kif ukoll fuq il-każijiet taħt (b) fejn jiġi affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-KE, billi jingħata każ tad-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 58, il-Protokoll 21, il-Protokoll 23 u l-Anness XIV.

2. Każijiet individwali li jaqgħu taħt l-Artikolu 54 għandhom jiġu deċiżi mill-Awtorità ta' Sorveljanza fit-territorju li fih tkun tinsab il-pożizzjoni dominanti. Ir-regoli stabbiliti fil-paragrafu 1(b) u (ċ) għandhom japplikaw biss jekk teżisti dominanza fit-territorji taż-żewġ Awtoritajiet ta' Sorveljanza.

3. Każijiet individwali li jaqgħu taħt is-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu 1, li l-effett tagħhom fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-KE jew fuq il-kompetizzjoni fil-Komunità mhumiex apprezzabbli, għandha ssir deċiżjoni fuqhom mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA.

4. Il-kliem "intrapriża" u "qliegħ" huma, għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, definiti fil-Protokoll 22.

L-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Protokoll 22 tal-Ftehim taż-ŻEE

Artikolu 2

"Qliegħ" skond it-tifsira ta' l-Artikolu 56 tal-Ftehim għandu jikkonsisti fl-ammonti miksubin mill-intrapriża kkonċernata, fit-territorju kopert b'dan il-Ftehim, fis-sena finanzjarja ta' qabel mill-bejgħ ta' prodotti u l-forniment ta' servizzi li jaqgħu taħt l-iskop ordinarju ta' l-attivitajiet ta' l-intrapriża wara li jitnaqqas il-ħruġ fuq il-bejgħ u t-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi oħra direttament relatati mad-dħul min-negozju.

Artikolu 3

Minflok dħul għandu jintuża dan li ġej:

(a) għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, l-assi totali tagħhom immultiplikati bil-proporzjon bejn self u self bil-quddiem lil istituzzjonijiet ta' kreditu u klijenti fi transazzjonijiet bejn residenti fit-territorju kopert b'dan il-ftehim u s-somma totali ta' dan is-self u s-self bil-quddiem;

(b) għal intrapriżi ta' l-assigurazzjoni, il-valur tal-ħlas gross ta' l-assigurazzjoni rċevuti minn residenti fit-territorji koperti b'dan il-Ftehim, li għandu jkun jinkludi l-ammonti kollha rċevuti u li jistgħu jiġu rċevuti fir-rigward ta' kuntratti ta' l-assigurazzjoni maħruġin minn jew f'isem l-intrapriża ta' l-assigurazzjoni, iklużi wkoll il-ħlasijiet tar-ri-assigurazzjoni li jkunu ser jispiċċaw, u wara tnaqqis tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet parafiskali dazji imposti b'referenza għall-ammonti ta' ħlasijiet individwali jew il-valur totali tal-ħlasijiet.

Artikolu 4

1. B'deroga mid-definizzjoni ta' qliegħ relevanti għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 56 tal-Ftehim, kif jinsab fl-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-qliegħ relevanti għandu jkun magħmul minn:

(a) fir-rigward ta' akkordji, deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi u prattiċi miftiehma rrelatati ma' arranġamenti ta' distribuzzjoni u provvista bejn intrapriżi li ma jkunux qegħdin jikkompetu flimkien, ta' l-ammonti miksubin mill-bejgħ ta' oġġetti jew mill-forniment ta' servizzi li jkunu s-suġġett ta' l-akkordji, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma, u minn oġġetti u servizzi oħra li huma kkunsidrati minn min jużhom bħala ekwivalenti minħabba l-karatteristiċi tagħhom, il-prezz u l-użu maħsub;

(b) fir-rigward ta' akkordji, deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi u prattiċi miftiehma relatati ma' arranġamenti ta' trasferiment ta' teknoloġija bejn intrapriżi li ma jkunux qegħdin jikkompetu flimkien, ta' l-ammonti miksubin mill-bejgħ ta' oġġetti jew mill-forniment ta' servizzi li jirriżultaw mit-teknoloġija li hija s-suġġett ta' l-akkordji, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma, u ta' l-ammonti miksubin mill-bejgħ ta' dawn l-oġġetti jew mill-forniment ta' dawk is-servizzi li dik it-teknoloġija hija ddisinnjata sabiex ittejjeb jew tbiddel.

2. Madankollu, fejn fiż-żmien meta jidħlu fis-seħħ l-akkordji kif deskritt fil-paragrafu 1(a) u (b) il-qliegħ fir-rigward tal-bejgħ ta' prodotti jew tal-forniment ta' servizzi ma jkunx evidenti, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ġenerali kif jinsabu fl-Artikolu 2.

Appendiċi II

LISTA TA' ATTI RELEVANTI

(mill-1 ta' Frar 1999)

(Jekk taħseb li l-akkordji tiegħek ma għandhomx bżonn li jiġu nnotifikati bis-saħħa ta' kwalunkwe wieħed minn dawn ir-Regolamenti jew avviżi jista' jkun ta' vantaġġ għalik li tikseb kopja.)

Implementazzjoni tar-regolamenti [1]

— ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 tad-19 ta' Lulju 1968 li japplika regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u b'passaġġi ta' l-ilma interni (1) (ĠU L 175, 23.7.1968, p. 1), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja,

— ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li jipprovdi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 4), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja w l-Isvezja,

— ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 ta' l-14 ta' Diċembru 1987 li jipprovdi l-proċedura għall-applikazzjoni ta' regoli dwar il-kompetizzjoni għal intrapriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru (ĠU L 374, 31.12.1987, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2410/92 (ĠU L 240, 24.8.1992, p. 18),

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2843/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-forma, kontenut u dettalji oħra ta' applikazzjonijiet u notifiki li hemm ipprovdut għalihom fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68, (KEE) Nru 4056/86 u (KEE) Nru 3975/87 li japplikaw ir-regoli dwar il-kompetizzjoni għas-settur tat-trasport.

Ir-Regolamenti li jagħtu eżenzjoni ġenerali

— l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 tad-19 ta' Lulju 1968 li japplika regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u b'passaġġi ta' l-ilma interni, kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja (eżenzjoni għal gruppi ta' intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju),

— l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li jipprovdu regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu, kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja (eżenzjoni għall-akkordju bejn it-trasportaturi rigward l-operazzjoni ta' servizzi tat-trasport marittimu skedati, u eżenzjoni għall-akkordju bejn minn juża t-trasport u konferenzi rigward is-servizzi tat-trasport marittimu skedati),

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 870/95 ta' l-20 ta' April 1995 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordju, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn kumpaniji (consortia) ta' vapuri tal-linja skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 479/92 (ĠU L 89, 21.4.1992, p. 7). L-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament jipprovdi għal proċedura ta' oppożizzjoni,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1617/93 ta' l-25 ta' Ġunju 1993 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma rigward ippjanar konġunt u koordinazzjoni ta' skedi, operazzjonijiet konġunti, konsultazzjonijiet dwar tariffi għall-passiġġieri u għall-merkanzija fuq servizzi ta' l-ajru skedati u allokazzjonijiet ta' bukkaproti f'ajruporti (ĠU L 155, 26.6.1993, p. 18), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1523/96 (ĠU L 190, 31.7.1996, p. 11). Ara wkoll l-avviż rigward proċeduri għal komunikazzjonijiet lill-Kummissjoni bi qbil ma' l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1617/93 (ĠU Ċ 177, 29.6.1993, p. 6).

[1] Fir-rigward ta' regoli proċedurali applikati mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA, ara l-Artikolu 3 tal-Protokoll 21 tal-Ftehim taż-ŻEE u d-disposizzjonijiet relevanti fil-Protokoll 4 għall-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar l-istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.

Avviżi ta' natura ġenerali [1]

— Avviż tal-Kummissjoni rigward akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma fil-qasam ta' kooperazzjoni bejn intrapriżi (ĠU Ċ 75, 29.7.1968, p. 3, kif ikkorreġut fil-ĠU Ċ 84, 28.8.1968, p. 17). Dan jiddefinixxi t-tip ta' koperazzjoni fl-istudji tas-suq, żamma tal-kontijiet, R & D, użu konġunt ta' produzzjoni, ħażna u trasport, consortia ad hoc, bejgħ u servizzi ta' wara l-ħin, reklamar jew ittikkettjar ta' kwalità li l-Kummissjoni tikkunsidra li ma jaqgħux taħt il-projbizzjoni ta' l-Artikolu 85(1),

— Avviż tal-Kummissjoni rigward l-istima tagħha ta' ċertu akkordji ta' subkontratti fir-rigward ta' l-Artikolu 85(1) tat-Trattat (ĠU Ċ 1, 3.1.1979, p. 2),

— Avviz tal-Kummissjoni dwar l-istima ta' l-assoċjazzjonijiet skond l-Artikolu 85 tat-Trattat tal-KE (ĠU Ċ 43, 16.12.1993, p. 2). Dan l-avviż jistabbilixxi l-prinċipji dwar l-istima ta' assoċjazzjonijiet,

— Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kjarifika tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni għal proġetti ġodda ta' infrastruttura tat-trasport (ĠU Ċ 298, 30.9.1997, p. 5),

— avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni jew tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' gruppi ta' interess (ĠU Ċ 207, 18.7.1996, p. 4),

— avviż tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni ta' proċedura għall-ipproċessar ta' talbiet għall-aċċess għall-file f'każijiet taħt l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat tal-KE, l-Artikoli 65 u 66 tat-Trattat tal-ECSC u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 (ĠU Ċ 23, 23.1.1997, p. 3),

— avviż dwar akkordji ta' importanza minuri li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 85(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU Ċ 372, 9.12.1997, p. 13),

— Avviż tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq relevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità (ĠU Ċ 372, 9.12.1997, p. 5).

Ġabra ta' dawn it-testi (sat-30 ta' Ġunju 1994) ġiet ippublikata mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (referenzi Vol. I: ISBN 92-826-6759-6, katalgu Nru CM-29-93-A01-EN-C). Dawn it-testi jistgħu jinstabu ukoll fid-DGIV homepage "DGIV – Competition on Europa":

http://europa.eu.int/comm/dg4home.htm

Skond il-Ftehim, dawn it-testi jkopru ukoll iż-żona Ekonomika Ewropea.

---

[1] Ara wkoll l-avviżi li jikkorrispondu ppubblikati mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA.

Appendiċi III

LISTA TA' STATI MEMBRI U STATI TA' L-EFTA, INDIRIZZ TAL-KUMMISSJONI U TA' L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA, LISTA TA' UFFIĊĊJI TA' INFORMAZZJONI TAL-KUMMISSJONI FIL-KOMUNITÀ U FI STATI TA' L-EFTA U INDIRIZZI TA' AWTORITAJIET KOMPETENTI FI STATI TA' L-EFTA

L-Istati Membri fid-data ta' dan l-Anness huma: l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

L-Istati ta' l-EFTA li ser ikunu Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE, fid-data ta' dan l-Anness, huma: l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

L-indirizz tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni huwa:

European Commission,

Directorate-General for Competition,
Rue de la Loi/Westraat 200
B-1049 Brussels
Tel. (32-2) 299 11 11
http://europa.eu.int/comm/dg04

L-indirizz tad-Direttorat għall-Kompetizzjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA huwa:

Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA – ESA,
Direttorat tal-Kompetizzjoni u tal-Għajnuna Statali,
Rue de Trèves
B-1040 Brussels
Tel. (32-2) 286 18 11
Fax (32-2) 286 18 00
http://www.efta.int

L-indirizzi ta' l-Uffiċċji ta' l-Informazzjoni tal-Kummissjoni fil-Komunità huma:

IL-BELĠJU

Commission Européenne
Bureau en Belgique
Europese Commissie
Bureau in België
Rue Archiméde/Archimedesstraat 73
B-1040 Bruxelles/Brussel
Tel. (32-2) 295 38 44
Fax (32-2) 295 01 66
http://europa.eu.int/comm/represent/be

ID-DANIMARKA

Europa-Kommissionen
Repræsentation i Danmark
Østergade 61 (Højbrohus)
Postboks 144
DK-1004 København K
Tel. (45-33) 14 41 40
Fax (45-33) 11 12 03
http://europa.eu.int/dk

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA

Europäische Kommission
Vertretung in der Bundesrepublik Deutschland
Zitelmannstraße 22
D-53113 Bonn
Tel. (49-228) 530 09-0
Fax (49-228) 530 09-50, 530 09-12

Europäische Kommission
Vertretung in der Bundesrepublik Deutschland
— Vertretung in Berlin
Kurfürstendamm 102
D-10711 Berlin 31
Tel. (49-30) 896 09 30
Fax (49-30) 892 20 59

Europäische Kommission
Vertretung in der Bundesrepublik Deutschland
— Vertretung in München
Erhardtstraße 27
D-80331 München
Tel. (49-89) 202 10 11
Fax (49-89) 202 10 15
http://www.eu-kommission.de

GREĊJA

Evropaiki Epitropi
Antiprosopia stin Ellada
2 Vassilissis Sofias
GR-10674 Athina
Tel. (30-1) 725 10 00
Fax (30-1) 724 46 20
http://www.forthnet.gr/ee

SPANJA

Comisión Europea
Representación en España
Paseo de la Castellana, 46
E-28046 Madrid
Tel. (34-1) 431 57 11
Fax (34-1) 432 17 64

Comisión Europea
Representación en Barcelona
Av. Diagonal, 407 bis, Planta 18
E-08008 Barcelona
Tel. (34-3) 415 81 77
Fax (34-3) 415 63 11
http://www.euroinfo.cce.es

FRANZA

Commission Européenne
Représentation en France
288, boulevard Saint-Germain
F-75007 Paris
Tel. (33-1) 40 63 38 00
Fax (33-1) 45 56 94 17/18/19

Commission Européenne
Représentation à Marseille
2, rue Henri Barbusse (CMCI)
F-13241 Marseille, Cedex 01
Tel. (33-4) 91 91 46 00
Fax (33-4) 91 90 98 07
http://europa.eu.int/france

L-IRLANDA

European Commission
Representation in Ireland
18 Dawson Street
Dublin 2
Irelandlanda
Tel. (353-1) 662 51 13
Fax (353-1) 662 51 18

L-ITALJA

Commissione Europea
Rappresentanza in Italia
Via Poli 29
I-0187 Roma
Tel. (39-6) 69 99 91
Fax (39-6) 679 16 58, 679 36 52

Commissione Europea
Ufficio di Milano
Corso Magenta 59
I-20123 Milano
Tel. (39-2) 467 51 41
Fax (39-2) 480 12 535

IL-LUSSEMBURGU

Commission Européenne
Représentation au Lussemburgu
Bâtiment Jean-Monnet
Rue Alcide de Gasperi
L-2920 Lussemburgu
Tel. (352) 43 01-34925
Fax (352) 43 01-34433

L-OLANDA

Europese Commissie
Bureau in Nederland
Korte Vijverberg 5
NL-2513 AB Den Haag
Tel. (31-70) 346 93 26
Fax (31-70) 364 66 19
http://www.dds.nl/plein/europa

L-AWSTRIJA

Europäische Kommission
Vertretung in Österreich
Kärtner Ring 5-7
A-1010 Wien
Tel. (43-1) 516 18
Fax (43-1) 513 42 25
http://www.europa.or.at

IL-PORTUGALL

Commissão Europeia
Gabinete em Portugal
Centro Europeu Jean Monnet
Largo Jean Monnet, 1-10º
P-1250 Lisboa
Tel. (351-1) 350 98 00
Fax (351-1) 350 98 01/02/03
http://euroinfo.ce.pt

IL-FINLANDJA

Euroopan komissio
Suomen edustusto
Europeiska kommissionen
Representationen i Finland
31 Pohjoiisesplanadi/Norra esplanaden 31
FIN-00100 Helsinki/Helsingfors
Tel. (358-9) 622 65 44
Fax (358-9) 65 67 28 (lehdistö ja tiedotus/press och information)

L-ISVEZJA

Europeiska Kommissionen
Representation i Sverige
Nybrogatan 11,
Box 7323
S-10390 Stockholm
Tel. (46-8) 562 444 11
Fax (46-8) 562 444 12
http://www.eukomm.se

IR-RENJU UNIT

European Commission
Representation in the United Kingdom
Jean Monnet House
8 Store's Gate
London
SW1 P3 AT
United Kingdom
Tel. (44-171) 973 19 92
Fax (44-171) 973 19 00, 973 19 10

European Commission
Representation in Northern Ireland
9/15 Bedford Street (Windsor House)
Belfast BT2 7EG
United Kingdom
Tel. (44-1232) 24 07 08
Fax (44-1232) 24 82 41

European Commission
Representation in Wales
4 Cathedral Road
Cardiff CF1 9SG
United Kingdom
Tel. (44-1222) 37 16 31
Fax (44-1222) 39 54 89

European Commission
Representation in Scotland
9 Alva Street
Edinburgh EH2 4PH
United Kingdom
Tel. (44-131) 225 20 58
Fax (44-131) 226 41 05
http://www.cec.org.uk

L-indirizzi ta' l-Uffiċċji ta' l-Informazzjoni tal-Kummissjoni fl-Istati ta' l-EFTA huma:

IN-NORVEĠJA

European Commission Delegation in Norway
Haakon VII's Gate 10 (9th floor)
N-0161 Oslo
Tel. (47-22) 83 35 83
Fax (47-22) 83 40 55

Formoli għan-notifika u għall-applikazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-regoli ta' kompetizzjoni tal-FEE, jistgħu jinkisbu ukoll minn dawn l-uffiċċji li ġejjin:

L-ISLANDA

Samkeppnisstofnun (Icelandic Competition Authority)
Laugavegi 118
Pósthólf 5120
IS-125 Reykjavík
Tel. (354-5) 527 422
Fax (354-5) 627 442

IL-LIECHTENSTEIN

Amt Für Volkswirtschaft (Office of National Economy)
Gerberweg 5
FL-9490 Vaduz
Tel. (41-75) 236 68 73
Fax (41-75) 236 68 89

IN-NORVEĠJA

Norwegian Competition Authority
PO Box 8132 Dep.
N-0033 Oslo
Norway
Tel. (47-22) 40 09 00
Fax (47-22) 40 09 99

ANNESS II

FORMOLA TR(B) ([1])

Din il-formola u dokumenti ta' appoġġ għandhom jiġu ssottomessi f'oriġinal wieħed u 17-il kopja flimkien ma' xhieda f'kopja waħda ta' l-awtorità tar-rappreżentant sabiex jaġixxi.

Jekk l-ispazju faċċata ta' kull domanda ma jkunx biżżejjed, jekk jogħġbok uża paġni addizzjonali, speċifika għal-liema punt fil-formola dawn jirreferu.

LILL-KUMMISSJONI EWROPEA

Directorate-General for Competition
Rue de la Loi/Wetstraat 200
B-1049 Brussels.

Notifika ta' akkordji, deċiżjoni jew prattika miftiehma skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 bl-għan li tinkiseb dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' applikabbiltà tal-projbizzjoni fl-Artikolu 2, disponibbli fi stati ta' kriżi, skond l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament ([2]).

I. **Informazzjoni dwar il-partijiet**

1. Isem, l-ewwel isem u l-indirizz tal-persuna li tkun qiegħda tissottometti n-notifika. Jekk din il-persuna tkun qiegħda taġixxi bħala rappreżentant, għid ukoll l-isem u l-indirizz ta' l-intrapriża jew ta' l-assoċjazzjoni ta' intrapriżi rappreżentati u l-isem, l-ewwel isem u l-indirizz tal-propjetarji jew sieħba jew, fil-każ ta' persuni legali, tar-rappreżentanti legali tagħhom.

   Għandha tkun fornuta xhieda ta' l-awtorità tar-rappreżentant sabiex taġixxi.

   Jekk in-notifika tiġi ssottomessa minn numru ta' persuni jew f'isem ta' numru ta' intrapriżi, l-informazzjoni għandha tingħata rigward kull persuna jew intrapriża.

2. L-isem u l-indirizz ta' l-intrapriżi li huma parti għall-akkordji, deċiżjoni jew prattika miftiehma u l-isem, l-ewwel isem u l-indirizz tas-sidien jew sieħba, fil-każ ta' persuni legali, tar-rappreżentanti legali tagħhom (kemm-il darba din l-informazzjoni tingħata taħt I.1).

   Jekk l-intrapriżi li huma partijiet mhumiex kollha assoċjati fis-sottomissjoni tan-notifika, għid x'passi ittieħdu sabiex jiġu infurmati l-intrapriżi l-oħra.

   Din l-informazzjoni mhix neċessarja rigward kuntratti standard (Ara II.2(b)).

3. Jekk kumpannija jew aġenzija konġunta ġiet iffurmata permess ta' l-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma, agħti l-isem u l-indirizz ta' din il-kumpanija jew l-aġenzija u l-ismijiet, l-ewwel isem u l-indirizzi tar-rappreżentanti.

4. Jekk kumpanija jew aġenzija konġunta hija responsabbli għall-operat ta' l-akkordji, deċiżjoni jew prattika miftiehma, agħti l-isem u l-indirizz ta' din il-kumpanija jew aġenzija u l-ismijiet, l-ewwel isem u l-indirizzi tar-rappreżentanti.

   Għemeż kopja ta' l-istatuti.

5. F'każ ta' deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' intrapriżi, agħti l-isem u l-indirizz ta' l-assoċjazzjoni u l-ismijiet, l-ewwel isem u l-indirizz tar-rappreżentanti.

   Għemeż kopja ta' l-istatuti.

6. Jekk l-intrapriżi jiġu stabbiliti jew għandhom is-sede tagħhom barra ż-ŻEE, agħti l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant jew fergħa stabbilita fiż-ŻEE.

([1]) Notifikazzjonijiet magħmula billi tintuża l-formola TR(B) maħruġa mill-Kummissjoni u l-formola ekwivalenti maħruġa min-naħa ta' l-EFTA huma ugwalment validi. Kull referenza għall-Istati ta' l-EFTA għandha tittiehed bħala dawk l-Istati ta' l-EFTA li huma Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

([2]) Ara wkoll dan ir-Regolament kif addattat għall-għanijiet taż-ŻEE (punt 10 ta' l-Anness XIV għall-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem msejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE").

II. **Informazzjoni rigward kontenut ta' l-akkordji, deċiżjoni jew prattika miftiehma**

1. L-akkordju, deċiżjoni jew il-prattika miftiehma, għandhom x'jaqsmu mat-trasport:

   – bil-ferrovija,

   – bit-triq,

   – b'kanali ta' l-ilma interni,

   jew operazzjonijiet ta' forniturі ta' servizzi anċillari għat-trasport?

2. Jekk il-kontenut ġie mniżżel bil-miktub, ehmeż kopja tat-test sħiħ sakemm (a) jew (b) hawn taħt ma jipprovdux mod ieħor.

   (a) Hemm qafas ta' akkordju jew ta' deċiżjoni?

   Jekk iva, ehmeż ukoll kopja tat-test sħiħ tal-ftehim individwali u d-disposizzjonijiet ta' implimentazzjoni.

   (b) Hemm kuntratt standard, i.e. kuntratt li l-intrapriża li qiegħda tissottometti n-notifika regolarment tikkonkludi ma' persuni jew gruppi ta' persuni partikolari?

   Jekk iva, it-test tal-kuntratt standard biss hemm bżonn li jinthemeż.

3. Jekk il-kontenut ma kienx, jew kienu biss parzjalment mniżżla bil-miktub, għid x'inhu l-kontenut, fl-ispazju faċċata.

4. Fil-każijiet kollha agħti l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

   (a) data ta' l-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma

   (b) data ta' meta daħal fis-seħħ u, fejn xieraq, il-perjodu ta' validità propost;

   (ċ) suġġett: deskrizzjoni eżatta tas-servizz tat-trasport jew servizzi involuti, jew ta' kull suġġett ieħor li għalih jirreferi l-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma;

   (d) għanjiet ta' l-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma

   (e) termini ta' aderenza, tmiem jew irtirar;

   (f) sanzjonijiet li jistgħu jittieħdu kontra intrapriżi li jkunu qegħdin jipparteċipaw (klawsoli penali, esklużjoni, eċċ.).

III. **Mezz kif jintlaħqu l-għanjiet ta' l-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma**

1. Għid jekk u sa fejn l-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma jirrigwardaw:

   – aderenza għal ċerti rati u kondizzjonijiet ta' trasport jew kondizzjonijiet oħra ta' operazzjoni,

   – restrizzjoni jew kontroll tal-provvista tat-trasport, żvilupp tekniku jew investiment,

   – qasma tas-swieq tat-trasport,

   – restrizzjonijiet fuq il-libertà biex jiġu konklużi kuntratti tat-trasport ma' terzi persuni (kuntratti esklussivi),

   – applikazzjoni ta' termini differenti għall-forniment ta' servizzi ekwivalenti.

2. L-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma, huwa dwar servizzi ta' trasport:

   (a) fi Stat Membru wieħed jew fi Stat ta' l-EFTA biss?

   (b) bejn Stati Membri?

(ċ) bejn Stati ta' l-EFTA?

(d) bejn il-Komunità u wieħed jew aktar mill-Istati ta' l-EFTA?

(e) bejn Stat Membru jew Stat ta' l-EFTA u pajjiżi mhux membri?

(f) bejn terzi pajjiżi fi transit fi Stat Membru wieħed jew aktar tal-KE u/jew Stat wieħed jew aktar ta' l-EFTA?

IV. **Deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti bl-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma sabiex ikun hemm eżenzjoni mill-projbizzjoni fl-Artikolu 2**

Iddiskrivi sa liema stat:

1. is-suq tat-trasport huwa mfixkel;

2. l-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma hija essenzjali għat-tnaqqis ta' dak it-tfixkil;

3. l-akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma ma jeliminawx il-kompetizzjoni rigward partijiet sostanzjali tas-suq tat-trasport ikkonċernat.

V. **Għid jekk inti qiegħedx taħseb sabiex tipproduċi aktar argumenti ta' appoġġ u, jekk iva, fuq liema punti**

Is-sottoskritti jiddikjaraw li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq u fl-Annessi hawnhekk mhemuża hija korretta. Huma jafu bid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68.

Post u data:

Firem: